**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 580/2011 JZM**

**Wintrade Limited (C 5210)**

***kontra***

**Aparthotels Limited (C 4224), Cnus Limited (C 2868), Riza Leisure Complex Limited (C 7330) u, ghal kull interess li jista` jkollhom, Noel Rizzo (ID 75230M), Stephen Rizzo (ID 203570M), Anthony Sammut Alessi (ID 83949M) u Philip Rizzo (ID 678151M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fis-17 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk :–

*1. Illi fil-25 ta` Ottubru 1978 giet irregistrata l-kumpannija intimata Aparthotels Limited.*

*2. Illi l-membri ta` din il-kumpannija huma l-kumpannija rikorrenti Wintrade Limited u l-kumpaniji intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited.*

*3. Illi l-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni vigenti tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited huma dawk li gew irregistrati fil-31 ta` Dicembru 1997 (Dok. A).*

*4. Illi skont l-imsemmi Memorandum ta` Assocjazzjoni l-ewwel diretturi ta` Aparthotels Limited kienu l-intimati Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo filwaqt illi skont il-klawsola 11 tal-istess Memorandum " The Legal and judicial representation of the Company shall be vested in any director of the Company then holding office …".*

*5. Illi skont l-artiklu 14 tal-Istatut ta` Assocjazzjoni "The Directors of the Company shall hold office for a period of two years and shall thereafter be eligible for re-appointment".*

*6. Illi l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited – qatt ma appuntaw diretturi godda jew riappuntaw l-ewwel diretturi kif iridu l-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni wara dawn is-sentejn, liema sentejn ghalqu fil-31 ta` Dicembru 1999.*

*7. Illi minkejja dan, l-atti u d-dokumenti mizmumin mir-Registratur tal-Kumpaniji jindikaw li l-intimati Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo huma d-diretturi tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited u, per konsegwenza, li l-istess intimati huma il-"Legal Representatives" u "Judicial Representatives" taghha.*

*8. Illi ciononostante, l-intimati jew min minnhom qed jippretendu li l-kumpannija Aparthotels Limited ghandha diretturi validament u legalment appuntati mill-azzjonisti taghha.*

*9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*10. Illi jien Melanie Cruz Benitez naf bil-fatti hekk kif iddikjarati.*

*Ghaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni necessarja, joghgobha :-*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited – qatt ma appuntaw diretturi jew riappuntaw diretturi tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited kif iridu l-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited wara li t-terminu originali ta` sentejn tal-kariga ta` direttur kif kontemplat fil-Memorandum u fl-Istatut ta` Assocjazzjoni taghha kien iddekorra u skada.*

*2. Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni u b`rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-kumpannija rikorrenti kontrihom, inkluz dik ghad-danni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata ta` Cnus Limited u Philip Rizzo pprezentata fit-22 ta` Awwissu 2011 li taqra :–

***DIFIZA***

*1. L-esponenti jirrispondu illi mhuwiex minnu illi qatt ma gew appuntati jew ri-appuntati diretturi f`Aparthotels Limited wara t-terminu originali ta` sentejn li beda jiddekorri mit-30 ta` Dicembru 1997 u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda.*

*2. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

***IL-FATTI***

*1. L-esponenti jaqblu mal-fatti fl-ewwel paragrafu.*

*2. L-esponenti jinnutaw illi l-istatut vigenti ta` Aparthotels Limited gie rregistrat mal-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji fit-30 ta` Dicembru 1997, liema statut kellu jinghata effett mill-ghada, il-31 ta` Dicembru 1997 ( Dokument "CL1").*

*3. L-esponenti jaqblu mal-fatti fit-tielet paragrafu.*

*4. L-esponenti ma jaqblux mal-fatti fir-raba` paragrafu ghaliex l-ewwel diretturi tal-kumpannija ma kinux dawk elenkati fil-premessa numru erba` izda kienu Winston V. Zahra u Anthony G. Zahra (Dokument "CL2"). Is-Sinjuri Zahra ma baqghux diretturi wara l-1985.*

*5. L-esponenti jaqblu mal-fatti fil-hames paragrafu.*

*6. L-esponenti ma jaqblux mal-fatti hekk kif esposti fis-sitt paragrafu fis-sens illi mhuwiex minnu li qatt ma gew appuntati jew ri-appuntati diretturi ta` Aparthotels Limited.*

*7. L-esponenti jikkonfermaw illi d-dokumenti kif registrati mar-Registratur tal-Kumpaniji jindikaw lil Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Philip Rizzo u lil Anthony Sammut Alessi bhala diretturi ta` Aparthotels Limited.*

*8. L-esponenti jaqblu mal-fatti fit-tmien paragrafu.*

*9. L-esponenti diga` ssottomettew din il-pozizzjoni taghhom f`kontro-protest (Dokument "CL3").*

*10. Jien, Philip Rizzo, naf bil-fatti kollha fuq iddikjarati.*

*11. Bl-spejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2017.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Philip Rizzo** xehed illi li huwa azzjonista tal-kumpannija konvenuta Cnus Limited (« **Cnus** ») li hija azzjonista tal-kumpannija konvenuta Aparthotels Limited (« **Aparthotels** »). Huwa wkoll direttur ta` Aparthotels ghalkemm mhux diretur ta` Cnus.

Xehed illi Cnus hija wkoll azzjonista ta` l-kumpannija konvenuta Riza Leisure Complex Limited (« **Riza** ») ghalkemm mhux direttur ta` Riza.

Qal illi l-azzjonisti originali ta` Aparthotels kienu z-ziju tieghu u missieru. Wara li dawn kibru fl-eta`, kienu nkarikaw awdituri sabiex jiehdulhom hsieb il-karti. Darba fis-sena kienu jmorru ghand l-awdituri u jiffirmaw ir-rizoluzzjonijiet mehtiega inkluzi dawk relattivi ghall-hatra jew konferma tad-direturi. Din kienet il-prassi sa mill-1985.

Xehed li anke l-kors ta` korrispondenza fl-2002, il-legali stess ta` Noel Rizzo u Stephen Rizzo nizzel li dawn bhala diretturi.

Spjega illi ssir laqgha wahda fil-prezenza ta` l-awdituri Deloitte, u Ernst & Young.

Sostna li baqa` dejjem direttur ta` Aparthotels anke fiz-zmien li kien barra ghal zmien twil. Fil-fatt huwa baqa` jigi mahtur bhala direttur.

Ighid illi huwa qatt ma attenda personalment ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi jew ghal-laqghat general annwali ta` Aparthotels mill-1997 sal-lum ; lanqas qatt ircieva avviz ghal-laqghat inkluz dawk ta` xi laqgha generali straordinarja.

Li jigri kien illi jkun infurmat b`telefonata li tkun se ssir laqgha ghand l-awdituri u jiffirma. Anke l-approvazzjoni ta` l-*accounts* kienet issir ghand l-awdituri.

Sostna li l-prassi li jsir inkontru ghand l-awdituri kienet ilha ssehh ghal aktar minn 25 sena. Huwa kellu kopja ta` l-*accounts* ghall-2002 mnejn jirrizulta li kienu appuntati mill-gdid id-diretturi. Id-dokumenti kienu ffirmati mill-partijiet u miz-zewg awdituri.

Qal li fl-ewwel hames snin mit-twaqqif taghha, Aparthotels kienet akkumulat telf. Skont il-kontijiet finanzjarji sal-31 ta` Marzu 1985 kellha dejn mal-azzjonisti u *overdraft* mal-bank.

Fisser li 50% ta` l-ishma ta` Riza kienu sottoskritti minn Cnus waqt li r-rimanenti 50% ta` l-ishma kienu sottoskritti minn Wintrade Limited li kienet ikkontrollata minn Noel Rizzo.

Qal illi l-bord tad-diretturi ta` Aparthotels kien kompost minn Noel Rizzo, Vincent Anthony Rizzo, Vincent John Rizzo (iben Vincent Anthony) u Joe Grech (il-persuna li kienet general manager ta` Riza).

Kompla jghid li d-diretturi ta` Aparthotels hadu decizjoni li jidhlu fis-suq ta` t-timeshare li kien progett fit-tul. Biex dan isir kellu jizdied il-valur ta` l-investiment originali.

Spjega li Aparthotels ghamlet *Occupancy and Allocation Agreement* ghal hamsin sena ma` Holiday Timesharing Limited, li taghha huwa kien is--sid benficjarju. Aparthotels obbligat ruhha li taghmel disponibbli Riza Leisure Complex ghal hamsin sena mill-1 ta` Lulju 1985 u Holiday Timesharing Limited kellha tbiegh timeshare units sabiex Riza Leisure Complex ikollu klijenti li jibqghu jmorru ghandha fit-tul. Aparthotels kienet responsabbli ghall-manutenzjoni u ghar-refurbishment perjodiku ta` r-Riza Leisue Complex. Bhala korrispettiv Holiday Timesharing Limited kellha thallas bil-quddiem ghal hamsin sena ammont fiss fis-sena kif ukoll thallas fil-hin l-uzu ta` l-appartamenti kif ukoll *maintenance charge*. Ir-riskju tal-operazzjoni ta` Riza Leisure Complex ghall-finijiet ta` dan il-ftehim ta` timeshare kien qieghed kwazi kollu fuq Holiday Timesharing Limited.

Qal li Aparthotels kienet obbligata ruhha li toffri s-servizzi tal-lukanda u tizgura li l-manutenzjoni ssir. L-ispiza kienet thallas ghaliha Holiday Timesharing Limited permezz tal-*maintenance charge*. Wara dan il-ftehim, l-operat ta` Aparthotels kien wiehed passiv. Ghalhekk il-bord tad-diretturi ma kellhux ghalfejn jiltaqa` ta` spiss biex japprova kontijiet finanzjarji. Aparthotels bdiet tircievi d-dhul taghha minn Holiday Timesharing Limited u ma kellhiex ghalfejn tiehu ebda decizjoni strategika. L-operazzjonijiet kummercjali kienu kollha fl-idejn ta` Holiday Timesharing Limited.

Xehed li d-diretturi u l-azzjonisti ta` Aparthotels kienu kuntenti u ffirmaw il-kontijiet finanzjarji u r-rizoluzzjonijiet necessarji.

Bejn l-1988 u l-1994 il-bord ta` Aparthotels kien kompost minn Noel Rizzo, Vincent Anthony Rizzo, George Rizzo (it-tifel ta` Vincent Anthony) u Tony Sammut Alessi (li kien gie appuntat bhala *general manager* ta` Riza Leisure Complex). Qal li f`Marzu 1994 inholoq dizgwid bejn Noel, Vincent Anthony u George in konnessjoni ma` progett separat dwar lukanda go Taormina, li eventwalment inbieghet b`telf ghall-familja Rizzo. Il-bejgh sar wara insistenza ta` Noel Rizzo li kellu sehem fil-kontroll tal-progett izda Noel Rizzo kien akkuza lil George Rizzo b`gestjoni hazina tal-progett. Sabiex ma jkunx hemm tixrid ta` inkwiet, Vincent Anthony Rizzo u George Rizzo rrizenjaw mill-bord ta` Aparthotels. Minflok kien appuntat hu minn Cnus Limited u Stephen Rizzo minn Wintrade Limited.

Kompla jghid illi fl-1994, id-diretturi ta` Aparthotels kienu hu, Noel Rizzo, Stephen Rizzo u Tony Sammut Alessi.

Stqarr illi l-progett tat-timeshare Malta baqa` ghaddej tajjeb bejn l-1994 u l-2003 tant li l-kontijiet finanzjarji baqghu jigu ffirmati minn kulhadd. Fl-1997 l-azzjonisti ta` Aparthotels kellhom ibiddlu l-istatut tal-kumpannija sabiex jigi konformi mal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995. L-istatut kien jghid li l-bord kellu jkun konsistenti minn erba` diretturi : wiehed mahtur minn Wintrade, iehor mahtur minn Cnus u tnejn mahtura minn Riza Leisure Complex. Kienet inserita klawsola fl-*articles of association* ta` Aparthotels fis-sens li d-diretturi kellhom jibqghu fil-kariga ghal zmien sentejn izda li wara setghu jkunu ri-eletti ; fil-fatt hekk gara.

Qal illi l-attivita` ta` Aparthotels kienet minima ; ghalhekk il-bord tad-diretturi ma kellux ghalfejn jiltaqa` u d-decizjonijiet kienu jittiehdu tramite rizoluzzjoni bil-miktub. Din kienet prassi ai termini ta` l-Art 20 ta` l-istatut ta` Aparthotels. L-istess kien isir fil-kaz tar-rizoluzzjonijiet tal-azzjonisti ta` Aparthotels.

Xehed li Aparthotels kellha lil Deloitte, u lil Ernst & Young bhala awdituri taghha li kienu jaghmlu joint *audit* tal-kumpannija. Dan kien l-arrangament maghzul mill-azzjonisti ta` Aparthotels biex ikun hemm sistema ta` checks and balances anke fil-livell ta` awdituri.

Qal illi r-rapport tal-awdituri kien ikun iffirmat minn entrambi d-ditti. It-tnejn kienu jiehdu hsieb jippreparaw rizoluzzjonijiet u d-dokumenti necessarji sabiex id-diretturi jigu appuntati u l-kontijiet finanzjarji jigu approvati. Il-prassi kompliet sakemm Noel Rizzo u l-familja tieghu rrifjutaw li jikkoperaw. L-ahhar rizoluzzjoni ta` dan it-tip ittiehdet lejn l-ahhar ta` l-2002.

Stqarr illi bejn l-2003 u l-2005, l-atmosfera bejn il-familja ta` Noel Rizzo u ta` Vincent Anthony Rizzo ma kinitx felici. F`Novembru 2005, Av Hugh Peralta li kien jidher ghall-familja ta` Noel Rizzo mar ir-Riza Leisure Complex flimkien ma` Stephen Rizzo u l-awditur Richard Giorgio (minn Ernst and Young). Qal illi Noel Rizzo kien qed joggezzjona ghas-salarju tieghu ta` Lm7000 ghat-tmexxija tal-lukanda. Il-familja ta` Noel Rizzo riedu johorgu mill-investiment kollu li kellhom u kienu qed jitolbu Lm10 miljun bhala korrispettiv ghas-sehem taghhom ta` 65%. Huwa kien mahsub bil-proposta u wiegeb lil Dr Peralta fis-sens illi li huwa kien lest jirrizenja mid-

dmirijiet ezekuttivi tieghu relatati ma` Riza Leisure Complex u kien lest li jirrinunzja ghar-rimunerazzjoni tieghu (hekk kif fil-fatt ghamel fil-bidu ta` 2007) u li l-famija ta` Vincent Anthony Rizzo kienet lesta li tbiegh lil Noel Rizzo is-sehem taghha ta` Aparthotels ammontanti ghal 35% ghall-istess prezz ghal kull sehem li kien talab Noel Rizzo.

Kompla jghid li huwa ma nghata l-ebda risposta u ma sema` xejn matul is-snin 2006 u 2007. Kien imbaghad fl-2008 li pprezenta ruhu Dr Pierre Lofaro fir-reception desk ta` Riza Leisure Complex akkumpanjat minn Stephen Rizzo li introduca ruhu bhala direttur ta` Aparthotels u qal li kellu dritt jispezzjona l-lukanda, kif fil-fatt ghamel. Kienu akkumpanjati mal-aparthotel mit-tifel tieghu Michael Rizzo.

Stqarr illi bejn l-2008 u l-2010 kienet skambjata ffirmata minn Noel Rizzo jew Stephen Rizzo bhala direttur ta` Aparthotels, liema korrispondenza kienet indirizzata lis-Segretarju ta` Aparthotels u lil ibnu Michael Rizzo. Matul l-2010, kien possibbli anke li jkun hemm numru ta` laqghat ta` kull xahar tal-bord li ghalihom kienu attendew Noel Rizzo, Stephen Rizzo, hu u ibnu Michael. Lejn l-ahhar tal-2010, il-familja ta` Noel Rizzo bdew ixekklu l-operat ta` Aparthotels billi ppruvaw jikkonvincu lil Bank of Valletta sabiex jimblokka l-kontijiet bankarji, kif ukoll ippruvaw jikkonvincu lil Ernst and Yound sabiex jirrinunzjaw li jibqghu awdituri. Bdew ighidu li Aparthotels ma kellhiex diretturi.

Kompla stqarr illi huwa ma jafx x`kienet l-intenzjoni wara dan l-agir izda l-familja ta` Noel Rizzo ma kinux kuntenti bl-obbligi fl-*Occupancy and Allocation Agreement* li kien ilu ghaddej ghal ghoxrin sena.

Spjega li qabel saret din il-kawza u l-ittri li gew skambjati qabel, huwa ma kienx sema` xi ilment da parti tad-diretturi jew da parti ta` l-azzjonisti ta` Aparthotels. Anzi s-sitwazzjoni kienet pjuttost bil-kontra, fejn Stephen Rizzo u Noel Rizzo kienu talbu informazzjoni mis-segretarju ta` Aparthotels fil-kapacita` taghhom ta` diretturi ta` l-istess kumpannija. Sahansitra Stephen u Noel Rizzo kienu ffirmaw bhala diretturi formoli ta` Aparthotels mal-Bank of Valletta biex huma jkunu *signatories* tal-kont bankarju.

Fil-**kontroezami**, sahaq illi saru board meetings fix-xhur ta` Mejju, Gunju u Lulju 2010. Kulhadd kien isejjhilhom board meeetings. Ghal-laqghat kien ikun hemm prezenti Noel, Stephen, Michael Rizzo u Aidan Lungaro Mifsud.

Sostna li Tony Sammut Alessi telaq mil-lukanda f`Dicembru 2004 u fetah ghal rasu biex jikkompeti maghhom minghajr ma pprezenta l-Form K. Billi ma rrizenjax formalment, kien ghadu direttur.

Ikkonferma li Cnus kienet appuntat lil Sammut Alessi bhala direttur ta` Aparthotels.

Cahad illi Sammut Alessi qatt tah ir-rizenja tieghu.

Stqarr illi l-laqghat fl-2010 waqfu peress li fl-1 ta` Ottubru 2010, Dr Pierre Lofaro kiteb lill-Bank of Valletta fejn allega li Aparthotels ma kellhiex diretturi mill-1 ta` Jannar 2000. Il-bank ghalhekk ghalaq il-kontjiet. Ittra bhal din intbaghtet lill-MFSA u lill-Kummissarju tal-Pulizija. Spjega li minn dakinhar tal-ahhar laqgha sal-ftuh ta` l-kawza, baqa` ma gara xejn aktar.

Kompla jghid illi l-board meetings saru fit-30 ta` April 2010, fil-25 ta` Mejju 2010, u fis-7 ta` Lulju 2010.

Qal li Michael Rizzo mhuwiex direttur ta` Aparthotels izda ried isir. Michael Rizzo jahdem ma` kumpannija jisimha Discove Access Malta Ltd u jahdem minn kamra fir-raba` sular tal-lukanda. Ir-raba` sular tal-lukanda nbena mill-kumpannija tat-timeshare, ossija Holiday Timesharing Limited u hallset ghalih l-istess kumpannija.

Ikkonferma li l-bini sar fuq proprjeta` ta` Aparthotels.

Kompla jixhed illi huwa ltaqa` ma` Av. Antoine Fiott f`okkazjoni wahda. Kien Settembru 2009 meta ghal Aparthotels, ircieva kont ex officio tat-taxxa ammontanti ghal EUR 372,000. Kien jaf li kien hemm somma dovuta kien ta` madwar EUR 50,000. L-avukat tieghu kiteb lil zijuh b`kopja lil Dr Lofaro f` Ottubru 2009.

Spjega li fuq parir ta` Dr Louis Camilleri Preziosi huwa ltaqa` ma` Dr Fiott. Informa lis-CIR li kien lest jaghtihom l-*accounts* bil-firma tieghu u jaghtihom cheque ta` l-ammont verament dovut izda dawn ma gewx accettati.

Kompla spjega li mill-korrispondenza li kienet skambjata bejn Dr Fiott u ibnu, jidher li s-CIR kellu peress li ma setax jaccetta hlas ta` taxxa ta` kumpannija li ma kellhiex *audit*ed *accounts* iffirmati.

Ipprezenta Form K li kienet giet proposta li tigi diskussa u ffirmata flimkien ma` rizoluzzjoni mnejn jirrizulta li l-azzjonisti kienu ser jergghu jirrappuntaw bhala diretturi Noel Rizzo, Philip Rizzo, Stephen Rizzo u jigi appuntat ibnu bhala direttur gdid. Id-data effettiva kienet miktuba bhala 22 ta` Frar 2010. Av. Lofaro kien insista li missieru u hutu jiffirmaw rizoluzzjoni li jaccettaw li hu u ibnu jinhatru bhala diretturi. Din giet hekk iffirmata qabel it-30 ta` April 2010.

Qal illi mhux minnu li waqt il-board meetings tal-2010 huwa allega li huwa ma kienx ghadu direttur. Tant hu hekk illi huwa jibqa` jattendi ghal dawn il-laqghat. Anke Dr Lofaro baqa` jsejjahlu biex jattendi.

Kompla jghid illi l-ewwel darba li semma bl-allegazzjoni li ma kienx hemm diretturi ta` Aparthotels kien meta ntbaghtet l-ittra lil Bank of Valletta minn Dr Lofaro. Sostna li fit-30 ta` April 2010, kien hemm hu, Noel Rizzo u Stephen Rizzo bhala diretturi ta` Aparthotels Limited. Dwar Tony Sammut Alessi kien hemm dubju peress li huwa qed jghid li rrizenja, izda huwa ma sab l-ebda Form K li tirrifletti rizenja. Id-dubbju kien ser jigi risolt billi kien sar diskors biex jigi appuntat ibnu minflok bhala direttur.

Qal li meta r-rizoluzzjoni baqghet ma gietx iffirmata, huwa kien insista fil-laqgha ta` Mejju 2012, biex jara x`ser isir.

Sostna li fit-30 ta` April 2010 de jure ma kienx hemm diretturi imma de facto kien hemm ghaliex ir-rizoluzzjonijiet kienu baqghu ma gewx iffirmati. Kien jonqos l-iffirmar tar-rizoluzzjoni sabiex jergghu jigu kkonfermati l-hatriet, izda huma kienu de facto diretturi.

Ipprezenta sett ta` komunikazzjonijiet mnejn jirrizulta li l-laqghat li saru fl-2010 kienu deskritti bhala *board meetings*.

**Patrick Warrington** xehed li huwa impjegat ta` Aparthotels. Huwa wkoll il-*company secretary* kif ukoll il-kontrollur finanzjarju taghha. Huwa wkoll *company secretary* ta` Riza. Kien ilu *company secretary* ta` z-zewg

kumpanniji minn meta sar l-Att dwar il-Kumpanniji fl-1995. Kien ilu *financial controller* ta` Aparthotels sa mis-sena 1982/1983. Ikkonferma li l-*memorandum* u *articles of association* ta` Aparthotels huma ezebiti a fol 5 tal-process u jistipolaw fi klawsola 7 illi d-diretturi ghandhom ikunu erbgha billi Wintrade u Cnus ghandhom dritt jappuntaw direttur kull wiehed mentri Riza ghandha dritt tappunta zewg diretturi.

Qal li l-azzjonisti ta` Aparthotels huma Wintrade, Cnus u Riza. Huwa jaf bil-klawsola li tghid illi d-diretturi jibqghu fl-inkariku ghal perijodu ta` sentejn u jistghu jigu riappuntati. Huwa sostna li qatt ma rcieva xi dokument minghand l-azzjonisti ta` Aparthotels dwar hatra ta` direttur. Ikkonferma li qatt ma saru *board meetings* formali. Dawn kienu jsiru b`rizoluzzjoni li kienet tigi ffirmata ghand l-awdituri. Spjega li r-responsabilitajiet tal-*company secretary* kienu fil-prattika jiehdu hsiebhom l-awdituri. Deloitte kienet tiehu hsieb l-*board resolutions* u *shareholders resolutions* mentri l-*annual returns* kien jiehu hsiebhom Ernst & Young. Sostna li huwa fil-prattika qatt ma ghamel xejn bhala *company secretary* ; ghalhekk huwa ufficjalment biss kien il-*company secretary*. U hekk gara minn dejjem.

Sostna li l-istess procedura ta` Aparthotels kienet tigi utilizzata fir-rigward ta` Riza. Ikkonferma li kollox kien jigi mhejji mill-awdituri, jigu ffirmati ghand l-awdituri u kollox jinzamm mill-awdituri. Huwa ma kellux x`jaqsam ma` l-*accounts* ta` Riza. Sostna li l-*abridged accounts* ta` Aparthotels tlestew sal-2010, izda ma kinux iffirmati mid-diretturi. Qal li l-ahhar *accounts i*ffirmati mid-diretturi kollha huma dawk tal-2002. L-awdituri jiehdu hsieb *income tax returns*. Spjega li l-kumpannija Aparthotels Limited hija mmexxija mill-*managing director*.

Spjega li kien hemm diversi *general managers*. Attwalment kien hemm Mary Grace Guzman u precedentement kien hemm Ray Bonanno. Bonanno hadem ghal madwar ghaxar snin mentri Guzman kienet ilha sentejn. L-ordnijiet kienu jinghataw minghand dawn. Spjega li bhala diretturi, Philip Rizzo l-aktar li kien ikun prezenti izda kien hemm zmien fejn kien hemm Tony Sammut Alessi wkoll. Ikkonferma li Philip Rizzo ghamel zmien jghix barra minn Malta.

Stqarr illi huwa kien jafda lil Ernst & Young u ma kienx joqghod jivverifika il-kontenut tad-dokumenti ppreparati minnhom. Spjega li huwa jipprepara *management accounts* u jurihom lil *general manager*. Dawn l-*accounts* ma jmorrux ghand l-awdituri izda jibqghu ghand il-*general manager*. Il-*general manager* imbaghad isaqsi lilu fil-kaz li jkun hemm xi

problema jew diffikolta. Jista` jaghti kaz li d-diretturi javvicinawh dwar xi diffikolta` fl-*accounts*. Qal li normalment Philip Rizzo jarahom u xi ftit snin ilu, kien hemm diretturi li staqsew dwarhom u huwa kien ta kopja ta` dawn l-*accounts* anke lil Dr Lofaro. Il-*management accounts* ma kunux approvati.

Spjega li huwa jghaddi kopja tal-*management accounts* tal-ahhar sena lill-awdituri meta dawn jaslu biex jaghmlu l-*audit*. Sostna li l-*management accounts* huma l-anqas haga importanti ghall-awdituri peress li l-awdituri normalment jridu *printouts* tat-*trial balance, nominal ledger, debtors,* u *creditors.*

Sahaq illi qatt ma kien hemm *managing director*, izda dejjem kien hemm *general manager*. Skont il-klawsola 21 tal-*memorandum* u *articles of association*, jista` jigi appuntat *managing director.* Philip Rizzo kien appuntat direttur f`Marzu 1994 u kien imsiefer bejn l-1995 u l-2002. Meta Philip Rizzo kien imsiefer, Tony Sammut Alessi kien direttur u *general manager*. Wara li gie lura minn barra Philip Rizzo, huwa rega` ha *over.*

Kompla fisser illi l-ahhar draft ta` *audit*ed *accounts* ta` Aparthotels u Riza ppreparati mill-joint *audit*ors Deloitte, u Ernst & Young kienu ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta` Gunju 2003. Dawn ma gewx iffirmati mid-diretturi. L-ahhar *audited accounts* li gew approvati formalment mid-diretturi kienu dawk ghas-sena li ghalqet fit-30 ta` Gunju 2002. L-inkariku tal-*joint audit*ors ufficjalment intemm f`Lulju 2003 u ma giex imgedded mill-azzjonisti bil-konsegwenza li dawn ma setghux jippreparaw *audit*ed *accounts* ghas-snin ta` wara l-2003.

Kompla jghid li fl-2009 Philip Rizzo fuq bazi ndividwali nkariga lil Ernst & Young sabiex jippreparaw *audit*ed *accounts* ghas-snin 2003 sa 2009 . Huwa infurmat li kopji ta` dawn id-drafts intbaghtu lil Dr Lofaro fin-nofs ta` Dicembru 2009. Spjega li l-income tax returns ta` Aparthotels Limited jiehdu hsiebhom Ernst & Young.

Ikkonferma illi Philip Rizzo kien lura Malta April 2002 u kien impjegat bhala direttur ezekuttiv ta` Aparthotels minn Mejju 2002 sa Frar 2007. Mill-2002 sal-2004, Tony Sammut Alessi kien baqa` jidderigi l-operat tar-Riza. Fl-ahhar ta` Dicembru 2004, huwa telaq u fetah negozju ghal rasu wkoll fis-settur ta` *time share.*

**Stephen Paris** xehed illi huwa awditur ma` Deloitte u ilu jahdem maghhom sa mis-sena 1989. Huwa sar *partner* fis-sena 2000. Spjega li Deloitte tagixxi bhala *joint auditor* ta` Aparthotels flimkien ma` Ernst & Young. Spjega li l-ahhar *audit opinion* ta` l-ahhar *accounts* gew iffirmati minnu ghan-nom ta` Deloitte u Richard Giorgio ghan-nom ta` Ernst & Young. L-azzjonisti kienu ghazlu zewg awdituri. Spjega li l-ahhar *audit* li sar kien Gunju 2002. Sostna li huma kienu jaghlqu l-*audit*s u mal-pakkett tad-dokumenti li jigu ffirmati, kien hemm affarijiet ohra fost ohrajn letter of representation fejn id-direttur ikkonfermawlhom certu affarijiet u xi ittri ta` *confirmation* li jridu jigu ffirmati minn diretturi. Spjega illi kienu jippreparaw *directors` resolution* u *shareholders` resolution.* Kollox kien jigi ffirmat ma` l-*approval* ta` l-*accounts.*

Ikkonferma li d-ditta kienet appuntata bhala awditur u mhux bhala *company secretary.* Huwa sostna illi qatt ma ppreparaw *annual return.* Spjega li kien hemm rizoluzzjonijiet li kienu necessarji sabiex il-*financial statements* ikunu jistghu jigu approvati. Ikkonferma li kien hemm rizoluzzjonijiet dwar dividends u sabiex id-diretturi jibqghu fl-inkarigu. Spjega li Deloitte kienet tipprepara dawn il-*financial statements.* Spjega li r-responsabbilita` li jippreparaw il-*financial statements* kienet fuq id-diretturi izda l-prattika Malta hija li dawn jigu ppreparati mill-awdituri wkoll ghan-nom tad-diretturi. Deloitte kienet tiehu hsieb l-assets filwaqt li Ernst & Young kienu jippreparaw l-liabilities. Ikkonferma li l-*audit opinion* kien iffirmat miz-zewg ditti ta` awdituri.

Dwar rizoluzzjonijiet, huwa kkonferma li dawn kienu ppreparati minn Deloitte. Huwa spjega li kulma ghandu huma r-rizoluzzjonijiet mmarkati bhala SP1 u SP 2. Spjega li kien hemm xi *board meetings* fejn id-diretturi ddiskutew xi affarijiet izda meta talab lil *company secretary* ghal minuti, dan kien qallu li qatt ma saru laqghat formali. Sostna li qatt ma saru *formal board meetings* fejn kienu jiltaqghu l-Bord, l-awdituri u l-company secretary. Sostna li fil-*financial statements*, l-awdituri jiktbu li d-diretturi jkunu gew approvati ai termini tal-*memorandum* u *articles of association.* Spjega li l-*accounts* kienu jinhargu ghan-nom tad-diretturi. Spjega li jekk ma jkunx hemm rizoluzzjoni ta` tnehhija, huma jibqghu awdituri kif fil-fatt ghadhom.

Ippreciza li f`dan il-kaz, l-awditur mhux qed jesprimi l-opinjoni fuq id-directors` report. Sostna li solitament id-ditta zzomm kopja tal-*financial statements* li tkun ipprezentat kif ukoll ta` draft *accounts* u *financial statements* li tkun ippreparat. Ikkonferma li l-*financial statements* tas-sena 1999 gew iffirmati biss minn Noel Rizzo izda huwa obbliga ruhu li jiccekkja jekk kinux gew iffirmati wkoll mill-awdituri. Il-prassi kienet li d-dokumenti

jingabru minn persuna inkarigata u wara li kollox jigi ffirmat, id-dokumenti jergghu jinghataw lill-awdituri. Spjega li Noel Rizzo gieli ffirma quddiemu izda mbaghad huwa kien jghidlu sabiex jghaddihom lil ohrajn ghall-aprovazzjoni u firma. Spjega li qatt ma ltaqa` l-Bord b`mod formali u approvaw il-*financial statements* waqt tali laqgha.

Ikkonferma li l-*financial statements* kienu ffirmati mill-awdituri. Huwa kkonferma li fid-directors reports huma kienu jnizzlu min kienu d-diretturi u li gew appuntati ai termini tal-*memorandum* u *articles of association*. Spjega li kemm fis-sena 1999 u fis-sena 2000 gew imnizzla li d-diretturi kellhom terminu ta` sentejn u dana minkejja li gialadarba saret tali dikjarazzjoni fl-1999, tali dikjarazzjoni kellha imbaghad issir fl-2001 u mhux fl-2000. Huwa kkonferma li l-*financial statements* tas-sena 2001 gew iffirmati mill-awdituri u regghet giet inkluza l-frazi dwar id-diretturi. Ikkonferma li l-*financial statements* tal-2002 gew iffirmati minn kulhadd inkluz minnu ghan-nom ta` Deloitte. Spjega li ma jiftakarx ghalfejn f`dawn l-istatements tal-2002, id-dikjarazzjoni dwar id-diretturi giet imnizzla fis-sens li dawn kienu ser jibqghu fl-inkarigu taghhom minghajr ma ssemma t-terminu ta` sentejn ta` l-inkarigu taghhom. Qal li l-*financial statements* tas-sena 2003 u tal-2004 ma gewx iffirmati.

Stqarr illi kull ghaxar snin, id-ditta tnaddaf l-arkivji. Huwa sab l-*audit financial statements* li kienu gew iffirmati fl-1999 u ezebihom bhala Dok SP3. Ikkonferma li Deloitte kienet taghti servizzi ta` *audit* u *tax compliance*. Bhala *joint audit*, kienu jsiru l-annual returns ghan-nom tal-kumpannija . Spjega li l-kumpannija tkun trid taghmel tax return u submission lil CIR u dik kienu jiehdu hsiebha wkoll.

Kompla jghid illi d-ditta kienet tipprepara *audit* letter of representation u f`okkazzjoni minnhom, inkiteb *no minutes of both of director` s meetings have been kept*. Spjega li Noel Rizzo hassar dik in-nota u qal *no board meetings were held* u dik giet riflessa fil-*final version* tal-*letter of representation* u ffirmata miz-zewg diretturi. Sab ukoll zewg ittri li intbaghtu minn Ernst & Young fejn din infurmat li kien hemm kopji ta` rizoluzzjonijiet iffirmati. Fl-ittra kien hemm indikat li Stephen Rizzo kien ghadu ma ffirmax u li ghalhekk kienet tinhtieg il-firma tieghu. Spjega li minn dan kollu jirrizulta li kienu jigu cirkolati rizoluzzjonijiet lid-diretturi biex jigu ffirmati biex b`hekk ikun jista` jinghalaq l-*audit*. Instabet ukoll ittra tat-23 ta` April 2002 mibghuta minn Patrick Warrington lil Raphael Aloisio fejn qed jinfurmah li ghandu d-dokumentazzjoni kollha relatata ma` Aparthotels u Riza Leisure Complex Limited u sabiex tigi ottenut l-firma ta` Noel u Steven Rizzo. Din kienet qed tirrigwarda l-*audit accounts* ta` Gunju 2001. Spjega li l-

company secretary kien ukoll il-financial controller. Bhala company secretary, l-uniku korrispondenza kienet dwar l-annual return biex din tigi sottomessa annwalment. Sostna li l-annual return probabilment kienet tigi sottomessa lil MFSA minn Ernst & Young. Fisser li l-*audit*s ta` l-2003 u l-2004 ma gewx maghluqa. Spjega li ghalhekk, l-ahhar struzzjonijiet ricevuti minghand Aparthotels Limited kien kmieni fl-2005.

Fil-**kontroezami** spjega li fl-1985 Aparthotels dahlet fi ftehim ta` *holiday time sharing* ma` Riza biex b`hekk Aparthotels kienet timpjega n-nies u tiehu hsieb il-manutensjoni tal-hotel u l-bqija kienet tiehu hsiebu t-timeshare company. Il-ftehim jghid li skont in-numru ta` kmamar li jintuzaw, jkun hemm spejjez bejn l-aparthotels u t-time share operation. L-operat ta` Aparthotels huwa limitata hafna fis-sens li tiehu hsieb id-day to day expenditure filwaqt li titlob il-hlas lit-timeshare company. Id-diretturi ta` Aparthotels bejn 1999 u l-2002 kienu Philip Rizzo, Stephen Rizzo u Anthony Sammut Alessi.

Spjega li hemm records legali ta` fejn huma l-ufficini ta` kumpannija u huwa ma ghandux dubju li dawn il-persuni kienu d-diretturi ghal dawk is-snin. Huwa kkonferma li l-international standard numru 315 japplika ghal kumpanniji Maltin izda ma jafx jekk dan kienx applikabbli ghas-snin in kwistjoni. Infatti, dan kien effettiv ghal *audit*s li saru fl-2009 jew wara u jispecifika illi l-awditur ghandu jiccekkja l-governanza tal-kumpannija u jara min huma d-diretturi. Huwa sostna li ma kienx hemm konferma diretta dwar min kienu d-diretturi. Kien jigi osservat li fir-registru tal-kumpanniji ma kienx hemm caqliq fid-diretturi u ghalhekk kien hemm assunzjoni li ghadhom l-istess diretturi. Spjega li ma kienx hemm notifiki ta` rizenji jew ta` hatriet godda. Kompla jghid li r-rizoluzzjonijiet kienu jigu ffirmati mid-diretturi kollha.

Spjega li huwa dahal fix-xena fl-2002. Noel Rizzo kien ghamilha cara mieghu li ma kienx ser jiffirma l-*audit*s tas-sena 2003. Huwa sostna li meta kien qed jipprepara l-*audit*s tas-sena 2002, huwa kien jikkomunika mal-financial controller. Spjega li huwa ma kienx jiltaqa` mad-diretturi. Huwa sostna li l-prassi kienet li l-awdituri jitkellmu bejniethom u mhux jikkomunikaw direttament mad-diretturi. Spjega li kien hu li kien jikkomunika ma` Noel Rizzo u Stephen Rizzo fil-kapacita` taghhom ta` diretturi ta` Aparthotels biex jottjeni l-firem. Spjega li dawn qatt ma qalulu li huma mhumiex diretturi. Huwa ftakarx ir-raguni ghalfejn ma gewx approvati l-*accounts* tas-sena 2003 u 2004.

Ikkonferma li fl-*accounts* tas-sena 1999, wiehed mill-items ta` spiza tal-kumpannija kienu *director`s emoluments* ammontanti f`LM 8,009.. Huwa kkonferma li f`kull *financial statement* kien hemm imnizzla l-ispiza ta` *director`s remuneration.* Ikkonferma li l-awdituri jkunu vverifikaw li dan il-pagament effettivament sar. Huwa sostna li sa minn dejjem jiftakar li kienet prassi li l-awdituri jippreparaw id-dokumenti u r-rizoluzzjonijiet biex imbaghad jigu ffirmati. Qal li huwa qatt ma sema` b`ilmenti mill-azzjonisti.

Ikkonferma li azzjonista minnhom kien jappunta lil Noel Rizzo u Stephen Rizzo filwaqt li l-azzjonist l-iehor kien jappunta lil Philip Rizzo u lil Anthony Sammut Alessi. Noel Rizzo kien jiffirma r-rizoluzzjonijiet ghan-nom ta` Wintrade. Li kieku dawn ir-rizoluzzjonijiet ma kinux jigu ffirmati, l-awdituri ma kinux ser jiffirmaw l-*audit report* u ma kinux jaghlqu l-*audit.* Fisser li l-inkarigu tal-awdituri relatat ma` *tax compliance* kien li wara li jinghalaq l-*audit*, it-*tax liability* tigi accertata u mill-figuri li jigu *audit*ed, jimtlew it-*tax returns* li mbaghad tigi ffirmata minn direttur u mibghuta lit-Taxxi Interni.

Fisser li sakemm ma kinux jigu nfurmati li xi direttur irrizenja, huma kienu jimxu mal-assunzjoni li d-diretturi ghadhom l-istess gialadarba lanqas ma kien issir xi notifika mar-Registru tal-Kumpaniji. Huwa sostna li r-rizoluzzjonijiet li d-diretturi kienu ser jergghu jigu riappuntati kienu jsiru kull sena sabiex jevitaw sitwazzjoni fejn il-kumpannija tispicca minghajr diretturi.

**Av. Dr. Claudette Fenech** mir-Registru tal-Kumpanniji pprezentat Dok AF1 li jirrigwarda l-hatriet ta` diretturi ta` Aparthotels C 4224. Spjegat li wara li inbidel il-*memorandum* fl-1997 biex issir *compliance* mal-Kap 386, id-diretturi baqghu l-istess ossija Noel Rizzo, Philip Rizzo, Stephen Rizzo u Anthony Sammut Alessi. Ikkonfermat li r-Registratur tal-Kumpanniji jaqra l-*memorandum* u *articles of association* biex jivverfika l-hatra ta` diretturi. Ikkonfermat li kien hemm kazi fejn ssir referenza ghall-ewwel skeda tal-Kap 386 u b`hekk ma jigux ipprezentati l-*articles of association.* Ghall-verifiki tieghu, ir-Registratur jara l-*memorandum.* Jekk ikun hemm klawsola fl-*articles of association* li tghid li l-hatra ta` diretturi hija ghal sentejn, ir-Registratur mhux ser jidhol fil-kwistjoni jew jigbed l-attenzjoni dwarha ghaliex ir-Registratur isegwi dak li hemm fil-*memorandum* biss u ma jindahalx fuq l-*internal organizational rules* tal-kumpannija.

Qalet illi r-Registratur izzomm u jirregistra dokumenti li jigu pprezentati. Mhuwiex ir-regolatur. Il-mili u prezentata tal-form K hija obbligatorja fil-kaz ta` bdil ta` diretturi.

Fil-**kontroezami** spjegat illi jekk id-diretturi ma jinbidlux minkejja li t-terminu ta` l-inkarigu taghhom jkun spicca, ma hemmx bzonn li tigi pprezentata Form K peress li ma jkun sehh l-ebda tibdil. Kompliet tghid li jekk id-diretturi ma jigux formalment riappuntati, il-kumpannija hija obbligata illi tibghat il-Form K biex tinforma lir-Registratur illi d-diretturi ma gewx riappuntati.

**Anthony Sammut Alessi** xehed li huwa kien direttur ta` Aparthotels. Huwa ghadu jidher bhala direttur, izda hu ta r-rizenja tieghu fl-2007. Qal li ghadu jidher peress li s-segretarju ma pprezentax ir-rizenja tieghu lir-Registratur. Huwa ta r-rizenja lil Philip Rizzo. Huwa kien appuntat bhala direttur fil-bidu ta` disghinijiet jew l-ahhar ta` tmeninijiet. Dak iz-zmien kien hemm erba` diretturi, tnejn appuntati minn Wintrade u tnejn minn Cnus. Philip Rizzo u huwa kienu appuntati minn Cnus waqt li Noel Rizzo u Stephen Rizzo kienu appuntati minn Wintrade.

Qal li meta dahlet fis-sehh il-Companies Act fl-1995, gew inkarigati Pricewaterhouse biex jassistuhom halli huma jigu in regola mal-ligi l-gdida. Spjega li sal-1997/1998 huma kienu jiltaqghu ma` l-awdituri u jiffirmaw l-*accounts* u l-hatra tad-diretturi kienet terga` tigi estiza ghal perijodi addizzjonali ta` sentejn. Spjega li l-ahhar darba li ltaqghu kien meta marru ghand Pricewaterhouse Ta` Xbiex fid-disghinijiet. Dakinhar kien hemm Censu Rizzo u Noel Rizzo li kellu wkoll prokura biex jidher ghal Stephen Rizzo ; u huwa kien attenda bi prokura biex jiffirma ghal Philip Rizzo. Huwa sostna li qatt ma kienu jsiru laqghat tad-diretturi.

Fisser li kienu nkarigati zewg ditti ta`awdituri biex jiehdu hsieb l-*audit*s. L-*accounts* kienu jintbaghtu lilu biex jiffirmahom ; imbaghad ikomplu jduru sakemm jiffirma kulhadd. Spjega li qatt ma ltaqghu biex jiffirmaw kollha f`daqqa. Il-prassi kienet li t-terminu tal-hatra tad-diretturi jigi estiz kull darba li jigu ffirmati l-*accounts*. Dejjem hekk sar sakemm huwa kien direttur. Huwa kkonferma li l-*financial statements* kienu jigu ffirmati u kien dejjem jinkiteb li d-diretturi qed jergghu jigu kkonfermati. Spjega li l-*accounts* tas-sena 2003 ma gewx iffirmati ghaliex kien hemm xi dizgwid bejn l-azzjonisti ta` Aparthotels rapprezentanti minn Noel Rizzo u Philip Rizzo u d-diretturi. Spjega li kien hemm dizgwid u nuqqas ta` qbil bejn Philip Rizzo u Noel Rizzo.

Spjega li hadd ma qallu biex jirrizenja mill-inkarigu tieghu u ghalhekk, wara li saru l-*financial statements* ta` l-2002, minkejja li s-sentejn tal-hatra ghalqu fl-2004, huwa baqa` fl-istess kariga. Il-funzjoni tieghu fl-Aparthotels kienet li jiehu hsieb il-*general management* tal-*hotel* u kien jirrapprezenta lil Aparthotels fil-laqghat tal-klabb tal-membri. Imbaghad fl-2005, Philip Rizzo hadu decizjoni li jaqsmu l-kumpannija, u minn Dicembru 2004, huwa ma baqax jithallas minn Aparthotels. Fl-2007 iffirma l-Form K. Il-formula hadha mieghu Philip Rizzo sabiex jaghtiha lil Patrick Warrington.

Fil-**kontroezami** huwa kkonferma li l-firma fuq Dok PR 14 hija tieghu u huwa kien iffirma bhala direttur. Din l-ittra kienet datata 26 ta` Frar 2002. Ikkonferma li r-rizoluzzjonijiet kienu jigu ppreparati mill-awdituri Deloitte & Touche u Ernst & Young. L-awdituri kienu jdawru d-dokumenti huma ghall-firem. Spjega li huwa qatt ma gie avvicinat minn Stephen Rizzo, Noel Rizzo jew xi haddiehor u li dawn qalulu li mhumiex diretturi tal-kumpannija. Id-dizgwid li kien hemm wara l-2002 kien minhabba li Noel Rizzo kien qed ihoss li qed jigi trattat ingustament u li qatt ma kien thallas minn Aparthotels. Sostna li l-kwistjoni kienet tirrigwarda flus.

**Stephen Rizzo** xehed li huwa direttur u azzjonista ta` Wintrade li ghandha sehem maggoritarju ta` Aparthotels. Qal li Wintrade mhijiex azzjonista ta` Cnus, izda azzjonista ta` Riza. Philip Rizzo huwa l-kugin tieghu. Cnus ghandha 35% ta` Aparthotels. Cnus u Wintrade ghandha nofs l-ishma kull wahda ta` Riza. Qal li zewg diretturi jigu appuntati min-naha ta` Cnus mentri z-zewg diretturi l-ohra jigu appuntati minn Wintrade. Huwa kkonferma li d-diretturi kienu jigu appuntati ghal sentejn u li ma sehhewx laqghat tad-diretturi. Cahad li qatt saru laqghat generali annwali u zied jghid li kollox kien jigi ppreparat mill-awdituri. Huwa spjega li minkejja li Wintrade ghandha 65% ta` Aparthotels u Cnus ghandha 35%, Wintrade thoss li l-poter u l-awtorita` xorta qieghed ghand Cnu.

Fil-**kontroezami** sostna li l-persuna li kkonfermat il-kontenut tar-rikors guramentat hija azzjonista ta` Wintrade. Huwa kkonferma li l-kawza saret biex Wintrade tipprova li huwa bhala Stephen Rizzo mhuwiex direttur ta` Aparthotels. Muri dokument a fol 77 u 78, gharaf il-firma tieghu bhala direttur. Huwa spjega li ma kienx hemm rizoluzzjoni mill-bord tad-diretturi ta` Wintrade Limited sabiex ohtu Melanie Cruz Benitez tikkonferma r-rikors guramentat bil-gurament taghha ghan-nom tal-kumpannija. Kienet diga` awtorizzata taghmel hekk bl-*articles of association*. Il-prezentata ta` r-rikors guramentat kienet giet diskussa bejnu, missieru u ohtu Melanie fis-sena 2008. Missieru kien direttur ta` Wintrade. Huwa u ohtu saru diretturi fis-sena 2008.

Ikkonferma li d-dokumenti mmarkati bl-ittri C, D, E u G annessi mal-affidavit ta` Philip Rizzo gew iffirmati minnu fil-kapacita` tieghu ta` direttur ta` Aparthotels. Qal illi ma jafx jekk l-ittra mmarkata bl-ittra F annessa mal-affidavit ta` Philip Rizzo kienx baghtha hu jew le. Huwa kkonferma li f`April 2010, Mejju 2010 u Lulju 2010 saru laqghat li fihom attendew Noel Rizzo, Philip Rizzo, Michael Rizzo, Adrian Lungaro Mifsud u Dottor Pierre Lofaro. Sostna li f`dawn il-laqghat, gew diskussi kwistjonijiet li ghandhom x`jaqsmu ma` Aparthotels Limited u t-tmexxija taghha.

Ikkonferma ukoll li huwa ffirmat Dok PR 1 a anness man-nota ezebita minn Philip Rizzo u kif ukoll li ffirma fil-kapacita tieghu ta` direttur ta` Aparthotels. Huwa kkofnerma li bhala direttur ta` Wintrade huwa vvota favur ir-rizoluzzjoni biex tinfetah din il-kawza. Ikkonferma li l-kawza nfethet minn ohtu. Huwa kkonferma li vvota bhala direttur ta` Wintrade sabiex Wintrade tkun tista` tiftah kawza kontra tieghu stess. Ikkonferma li huwa l-company secretary ta` Wintrade.

Qal illi l-laqghat li saru fl-2010 ma kinux *board meetings* izda biss *casual meetings*. Kienu diskussi kwistjoni dwar kif ghandhom jigu meghluba d-differenzi ezistenti bejn l-azzjonisti. Waqt il-laqghat kienu iddiskutew l-kompozizzjoni tal-bord tad-diretturi, l-*accounts* li ghandhom jigu ppreparati , management *accounts* u informazzjoni finanzjarja. Huwa kien saqsa kemm-il darba lil Michael Rizzo sabiex jaghtih informazzjoni finanzjarja. Huwa nkarika lill-avukat tieghu sabiex jikteb lil Michael Rizzo u Philip Rizzo biex jinghata din l-informazzjoni wkoll. Fil-laqghat tal-2010 qat ma kien prezenti l-company secretary. Ikkonferma li l-email a fol 84 kienet mibghuta minnu li fiha l-laqghat li saru fl-2010 gew riferiti bhala board meetings. Huwa kkonferma li kienu saru minuti ta` dawn il-laqghat.

**Carol Farrugia** xehed li huwa direttur ta` Cnus. Il-mara tieghu hija azzjonista. Id-direturi l-ohra ta` Cnus huma Vincent Anthony Rizzo, Vincent John Rizzo u hu. L-azzjonisti ta` Cnus huma Vincent John Rizzo, Philip Rizzo, Ann Farrugia nee` Rizzo u George Rizzo. Cnus ma ghandhiex x`taqsam ma` Riza. Huwa qatt ma kien involut f`Riza. Qatt ma kien involut fil-mod kif jigu appuntati r-rapprezentanti ta` Cnus u ta` Aparthotels. Sostna li l-kwistjoni tal-hatra tad-diretturi ta` Cnus u ta` Aparthotels qatt ma giet diskussa fil-bord tad-diretturi ta` Cnus. Qal li ma jafx Cnus ghandhiex dritt tahtar direttur f`Aparthotels. Kompla jghid li Cnus hija *holding company* . Spjega li huwa ma jafx ezattament xhinu l-mertu tal-kawza.

**<u>Vincent J Rizzo</u>** xehed illi huwa direttur u azzjonista ta` Cnus. Missieru Vincent Anthony huwa direttur iehor ta` Cnus Limited bhal ma huwa Carol Farrugia. Azzjonisti hemm erbgha li huma ahwa. Riza hija propjeta` ta` Wintrade u Cnus. Huwa qatt ma nvolva ruhu fil-kawza. Cnus hija kumpannija ta` missieru bl-azzjonisti wliedu. Wintrade hija taz-ziju tieghu. Aparthotels hija l-ewwel li kienet iffurmata. L-azzjonisti ta` Aparthotels huma Riza, Cnus u Wintrade. Cnus hija rapprezentanta fuq il-bord ta` diretturi ta` Aparthotels permezz ta` Philip Rizzo. Huwa qatt ma tkellem dwar kif titmexxa Aparthotels, peress li din haga li jiehdu hsiebha missierhom u huh Philip. Id-decizjonijiet dwar rapprezentanza ta` Cnus fl-Aparthotels dejjem ittiehdu minn missieru. Huwa qatt ma dahal fil-kwistjoni ta` min kien mahtur direttur ta` Aparthotels. Safejn jaf hu, fil-bord ta` diretturi ta` Cnus qatt ma giet diskussa r-rapprezentanza ta` Cnus fl-Aparthotels. Dejjem halla fl-idejn ta` missieru.

**<u>Ann Marie Farrugia</u>** xehdet li hija azzjonista ta` Cnus. L-interess taghha kien jiehu hsiebu misserha. Hija ma tinvolvix ruhha.

**<u>Vincent Anthony Rizzo</u>** xehed illi huwa direttur ta` Cnus flimkien ma` ibnu Philip u r-ragel ta` bintu. L-azzjonisti huma l-erba` uliedu. Riza hija proprjeta` ta` Aparthotels. L-azzjonisti ta` Aparthotels huma 65% tal-familja ta` huh Noel u 35% tal-azzjonisti ta` Cnus. Proprjament l-azzjonisti ta` Aparthotels huma 50% Riza, 40% Wintrade u 10% Cnus Limited. Riza Leisure hija propjeta` ndaqs bejn Wintrade u Cnus. Safejn jaf hu dejjem gew mahtura zewg diretturi minn Wintrade u tnejn minn Cnus. Ippreciza illi direttur jigi appuntat minn Cnus, iehor minn Wintrade, u t-tnejn l-ohra minn Riza.

Spjega li z-zewg diretturi appuntati minn Cnus huma Philip Rizzo u Anthony Sammut Alessi. Qabel kien hu izda mbaghad minfloku dahal Sammut Alessi. Min-naha ta` Cnus ma nbidel xejn. Sa fejn jaf hu, Sammut Alessi ghadu direttur ta` Aparthotels. Stqar illi mhuwiex familjari hafna mal-*memorandum* u *articles of association* ta` Aparthotels. Solitament ma jsirux laqghat formali tal-bord tad-diretturi. Ir-rizoluzzjonijiet jittiehdu meta jkun hemm bzonn. Spjega li huwa ma kienx jaf li d-diretturi ta` Aparthotels kienu jigu appuntati ghal sentejn.

Sostna li l-kawza saret ghaliex Noel Rizzo ma riedx jiffirma d-dokumentazzjoni ppreparata mill-awdituri. Philip Rizzo huwa fdat min-naha tal-bord tad-diretturi ta` Cnus. Philip jiehu hsieb dak li ghandhu x`jaqsam ma` Riza u Aparthotels.

In **kontroezami,** huwa kkonferma li giet iffirmata prokura mill-bord tad-diretturi fejn Philip Rizzo gie awtorizzat jidher ghal Cnus. Spjega li Philip Rizzo dejjem jinforma lid-diretturi ta`Cnus b`li jkun qed isir fil-kawza tal-lum.

**Melanie Cruz Benitez** xehdet li fl-2006 hija giet appuntata direttur ta` Wintrade. Sostniet li l-kawza tal-lum saret ghax missierha Noel Rizzo ma kienx qed jigi nfurmat b`dak li kien qed jigri f`Aparthotels. Qalet li ilhom ma jsiru laqghat tal-bord mis-sena 2002 u ma hemmx diretturi. Spjegat li l-azzjonisti ta` Wintrade huma l-erbat ahwa ta` Noel. Missierha kien investa hafna flus fil-progett u qatt ma ha xejn. Hija qed tipprova tiehu dak li huwa taghhom. Stephen Rizzo kien il-persuna li kien jiehu hsieb l-interessi ta` Wintrade fl-Aparthotel. Stephen kien tkecca minn Philip Rizzo mill-front desk meta kellu 16-il sena.

Qalet illi kienet issir laqgha annwali ta` Wintrade u huhom kien jinfurmahom x`inhu jigri u jigu diskussi l-*audit*s ta` Wintrade. Ikkonfermat illi mis-sena 1999, ma kienx hemm diretturi appuntati fl-Aparthotels. Meta hadu d-decizjoni li ssir il-kawza ma kenitx saret laqgha tal-bord izda l-kwistjoni kienet diskussa ma` Dr Pierre Lofaro.

**Julia Agius Vadala** xehdet illi hija azzjonista ta` Wintrade. Tistqarr illi ma taf xejn dwar il-kawza u lanqas kienet konsultata. Ma taf xejn dwar Wintrade u Aparthotels hlief li hija azzjonista ta` Wintrade u li Aparthotels Limited ghandha lukanda.

**Noel Rizzo** kkonferma li l-firma murija fuq id-dokumenti a fol 9,17, 35, 40, 48, 77, 78, 87, 130, 134, 148, 153, 156, 172, 175, 191, 194, 318, 319, 348, 351, 363, 388, 393, 401, 520, 526, 539, 555 u 563.

## III. Il-fatti

Skont il-*memorandum* u *articles of association* taghha, l-ewwel diretturi ta` l-kumpannija kienu l-konvenuti Rizzo flimkien ma` Anthony Sammut Alessi.

Il-kapital azzjonarju awtorizzat u mahrug kien ta` Lm350,000 li kien imqassam fi 250,000 –il sehem ordinarju ta` Lm1 kull sehem imhallas fl-

intier tieghu, 100,000 –il sehem ta` preferenza ta` Lm1 kull sehem minghajr jeddijiet ta` votazzjoni jew ta` partecipazzjoni. L-azzjonisti kienu Wintrade Limited b`100,000 sehem ordinarju u 80,000 sehem ta` preferenza, Cnus Limited b`25,000 sehem ordinarju u 20,000 sehem ta` preferenza, u Riza Leisure Complex Limited b`125,000 sehem ordinarju.

Dwar il-hatra ta` d-diretturi, il-*memorandum* ighid illi : "*Directors of the Company shall hold office in accordance with the provisions of Article 13 of the Articles of association hereof.*"

Imbaghad l-artikolu 13 ta` l-*articles of association* ighid : *Regulations 57,58, 59,60 and 61 of Part 1 of the First Schedule shall not apply.*

L-artikolu 14 jipprovdi illi : "*The Directors of the Company shall hold office for a period of two years and shall thereafter be eligible for re-appointment.*"

Skont ix-xiehda, irrizulta li kienet prassi li kull sena l-awdituri inkarigati kienu jiehdu hsieb jippreparaw id-dokumenti kollha necessarji biex ikunu jistghu jikkompletaw l-*audit financial statements.* Kienu jippreparaw id-*directors` reports* u kwalunkwe rizoluzzjonijiet li kien mehtieg li jigu ffirmati kemm jekk huma rizoluzzjonijiet tad-diretturi kif ukoll jekk huma rizoluzzjonijiet tal-azzjonisti. Sa l-2010, irrizulta li kien hemm qbil li qatt ma gew mizmuma laqghat ta` bord ta` diretturi jew laqghat generali annwali jew straordinarji. Kollox kien isir u jitmexxa billi darba f`sena jigu ffirmati d-dokumenti kollha mehtiega, liema dokumenti kienu preparati mill-awdituri Deloitte, u Ernst & Young.

Minn ezami tad-dokumenti, irrizulta illi l-ahhar *financial statements* approvati u debitament iffirmati minn kull parti interessata kienu dawk tas-sena li ghalqet fit-30 ta` Gunju 2002. Fihom saret rizoluzzjoni datata 29 ta` Novembru 2002 u ffirmata mid-diretturi kollha ta` Aparthotels Limited fejn intqal : "*It is hereby proposed that all the directors of the company continue in office*".

Saret ukoll rizoluzzjoni ohra bl-istess data u ffirmata mill-azzjonisti kollha fl-istess rigward.

Wara s-sena 2002, ghalkemm kienu abbozzati *financial statements* ghas-snin 2003 u 2004, dawn baqghu qatt ma gew approvati u ffirmati. Kienu saru xi laqghat fl-2010 izda minn dawn ma rrizulta xejn tant li wara kienet giet ipprezentata din il-kawza.

Il-kawza kienet proposta billi skont Wintrade Limited, wara li skada t-terminu originali ta` sentejn mir-registrazzjoni tal-*Memorandum* u *Articles of association* ta` Aparthotels Limited, ma regghux gew appuntati jew riappuntati diretturi, bil-konsegwenza li sal-lum il-kumpannija hija nieqsa minn diretturi li huma validament mahtura.

## IV. <u>**Il-hatra tad-diretturi ta` Aparthotels Limited**</u>

Abbazi tal-provi akkwiziti, irrizulta illi fit-30 ta` Dicembru 1997, il-bord tad-diretturi ta` Aparthotels Limited kien kompost minn erba` diretturi - Noel Rizzo u Philip Rizzo mahtura minn Riza Leisure Complex Limited ; Anthony Sammut Alessi minn Cnus Limited ; u Stephen Rizzo minn Wintrade Limited. Skont l-*articles of association*, kellhom idumu fl-inkariku ghal sentejn sat-30 ta` Dicembru 1999 ghalkemm setghu jigu riappuntati.

Wintrade Limited tikkontendi illi minkejja li jista` jkun li kien hemm persuni li setghu matul is-snin agixxew ta` diretturi *de facto,* ma rrizultax li kien hemm diretturi appuntati *de jure* wara li skada t-30 ta` Dicembru 1999.

Dwar id-differenza bejn diretturi *de jure* u diretturi *de facto,* il-Qorti taghmel referenza ghall-pagni 362 sa 364 ta` <u>**Principles of Maltese Company Law**</u> fejn Andrew Muscat ighid hekk :-

> *"The Companies Act therefore recognizes that a director can either be a person who is formally appointed as such to the board (a de jure director) or a person who is not so formally appointed but who in practice assumes to act as a director (de facto director). …. It can of course be far from straightforward in practice to distinguish between functions which can properly be discharged only by a director and functions which can be performed by a manager or other person below board level. In the absence of any validly appointed director and the presence of one person conducting all the*

*management of the company`s affairs, the inference that such person would be a de facto director can easily be drawn. However, it is often not clear whether what a person did was refereable to an assumed directorship or to some other capacitysuch as manager, shareholder or consultant. If it is unclear whether the acts of the person in question are referbale to an assumed directorship or to some other capacity, the person in question, must at least where the consequences could be serious (such as in the case of disqualification orders) be entitled to the benefit of the doubt."*

Wintrade Limited tishaq illi l-kawza tal-lum tikkoncerna diretturi *de jure* peress li l-pretensjoni taghha tirrigwarda l-omissjoni ta` l-hatra jew tal-hatra mill-gdid skont l-istatut socjetarju.

Fil-pagna 373 ta` **Principles of Maltese Company Law** (op. cit.) jinghad hekk :-

*"The rules governing the appointment of directors other than the first directors are typically found in the articles of association. Occassionally, however, the appointment of directors is regulated by the management clause in the memorandum of association. Although there is no prohibition against this, it should be remarked that the more appropriate place for regulating the method of appointment of directors is the articles of association as it is this document which is primarily intended to govern the internal matters of the company.*

*There is no one standard method governing the appointment of directors. The regulations contained in Part I of the First Schedule to the Companies Act set out one possible method. They provide that at the first annual general meeting of the compny all the directors are to retire from office and at the annual general meeting in every subsequent ear one-third of the directors for the time being or, if their number is not three or a multiple of three, then the number nearest one-third, shall retire from office. The*

> *directors to retire in every year are to be those who have been longest in office since their last election, but as between persons who became directors on the same day those to retire must (unless they otherwise agree among themselves) be determined by lot……"*

Jirrizulta mill-Art 1 ta` l-*articles of association* ta` Aparthotels Limited illi l-ewwel parti ta` l-Ewwel Skeda ta` l-Att dwar il-Kumpanniji 195 japplika ghall-konvenuta Aparthotels Limited sakemm ma jkunx hemm eskluzjoni jew varjazzjoni.

Isegwi li skont il-Para 35 ta` l-Ewwel Skeda tal-Kap 386, l-appuntament jew riappuntament ta` diretturi trid issir waqt laqgha generali tal-kumpannija.

Madanakollu, ghalkemm irrizulta li ma kinux isehhu laqghat generali, jidhol imbaghad l-Art 210 tal-Kap 386 li jipprovdi li rizoluzzjoni bil-miktub iffirmata mill-membri kollha tkun valida u effettiva daqslikieku tkun ghaddiet waqt laqgha generali tal-kumpannija.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Gunju 2002 fil-kawza **Doris Ellul et vs Francesco Camilleri** l-azzjonisti ta` kumpannija huma awtorizzati mil-ligi illi jipprovdu dwar l-interessi tal-kumpannija barra mill-kuntest ta` laqgha generali fejn il-membri kollha li jkunu ntitolati jircievu avviz u jattendu ghal-laqgha generali jiffirmaw rizoluzzjoni bil-miktub, li lanqas ghandha bzonn tkun redatta skont xi forma partikolari.

Il-Qorti fliet ir-rizoluzzjonijiet ezebiti u tara li dik li taqa` fil-parametri ta` dak rikjest mill-Art 210 tal-Kap 386 hija dik ezebita a fol 78 u 319 li hija ffirmata mill-azzjonisti ta` Aparthotels Limited u hija datata 29 ta` Novembru 2002.

Fir-risoluzzjoni jinghad :-

*It is hereby resolved that all the directors of the company continue in office.*

Skont Wintrade Limited, ladarba ma gewx ezebiti r-rizoluzzjonijiet li allegatament gew iffirmati bejn l-ahhar ta` Dicembru 1999 sad-29 ta` Novembru 2002, ma jirrizultax li qatt gew appuntati jew riappuntati diretturi wara t-30 ta` Dicembru 1999. Ghalhekk tikkontendi illi bir-rizoluzzjoni tad-29 ta` Novembru 2002 ma kien mahtur hadd ghaliex ma kienx hemm diretturi *in office* li setghu jkomplu fl-inkariku.

Madanakollu l-Qorti tqis li ghalkemm l-unika rizoluzzjoni tal-azzjonisti li tressqet bhala prova kienet dik tad-29 ta` Novembru 2002, l-awditur Stephen Paris xehed li l-hatra tad-diretturi kienet issir permezz ta` rizoluzzjonijiet bil-miktub, u li din kienet prassi wkoll ghas-snin ta` qabel l-2002. Dawn ir-rizoluzzjonijiet baqghu ma gewx rintraccjati peress illi twarrbu ghaliex id-ditta ta` awdituri *tnaddaf* l-arkivji taghha kull ghaxar snin. Ghalkemm ma kinux rintraccjati ma jfissirx illi r-rizoluzzjonijiet ma sarux. Tant hu hekk illi Stephen Paris xehed illi l-*audit* ma kienx jinghalaq qabel ma jigu ffirmati r-rizoluzzjonijiet kollha necessarji kemm mid-diretturi u mill-azzjonisti.

Apparti d-deposizzjoni ta` Stephen Paris, li kienet korraborata minn Patrick Warrington u Philip Rizzo, il-Qorti qieset ukoll illi kemm Noel Rizzo u Stephen Rizzo agixxew ta` diretturi wara l-31 ta` Dicembru 1999. Jirrizulta li ffirmaw diversi dokumenti bhala diretturi. Fil-fatt Noel Rizzo kiteb lil Patrick Warrington fil-11 ta` April 2008 (a fol 87 u fol 555) fejn dan talab kopji ta` l-*management accounts* ghas-snin finanzjari li ghalqu fit-30 ta` Gunju 2006, 30 ta` Gunju 2006 u 30 ta` Gunju 2007. Stephen Rizzi kiteb fid-9 ta` Mejju 2008 (a fol 557) fejn dan talab kopja ta` dokumentazzjoni relatata ma` Aparthotels Limited. Stephen Rizzo rega` kiteb fis-26 ta` Mejju 2008 (a fol 558) u fis-27 ta` Gunju 2008 (a fol 559). Jirrizulta li kienet iffirmata *appointment of bankers form* tal-Bank of Valletta datata 2 ta` Jannar 2002 (a fol 147 u fol 562) kif ukoll Noel Rizzo kiteb lil Ernst & Young fil-31 ta` Ottubru 2001 a fol 362. Av. Pierre Lofaro wkoll kiteb ghal Noel Rizzo bhala direttur ta` Aparthotels Limited fil-15 ta` Settembru 2009 a fol 86, a fol 282 u a fol 285 fejn talab kopja tal-minuti tal-laqghat tal-bord tad-diretturi u tal-laqghat generali annwali u straordinarji ta` l-azzjonisti ta` Aparthotels Limited. Dawn ukoll iffirmaw ir-rizoluzzjoni tad-29 ta`Novembru 2002.

Irrizulta wkoll li d-*directors` report* anness mal-kontijiet finanzjarji ghas-snin 1999 sa 2002 kienu kollha ffirmati mid-diretturi, kienu jikkonfermaw min kienu d-diretturi dak iz-zmien, u kif ukoll kienu jistipolaw illi d-diretturi kienu ser jirtiraw fil-laqgha generali annwali li jmiss u jergghu joffru lilhom nfushom ghall-kariga.

Infatti :

Id-*directors` report* tal-1999 jaqra:

> *The Directors who served during this year were:*
>
> *Noel V Rizzo*
> *Philip E Rizzo*
> *Stephen A Rizzo*
> *Anthony Sammut Alessi*
>
> *In accordance with the company`s articles of association the directors retire at the forthcoming annual general meeting and being eligible offer themselves for re-election for a period of two years.* (fol 347)

Id-*directors` report* tal-2000 jaqra:

> *The Directors who served during this year were:*
>
> *Noel V Rizzo*
> *Philip E Rizzo*
> *Stephen A Rizzo*
> *Anthony Sammut Alessi*
>
> *In accordance with the company`s articles of association the directors retire at the forthcoming annual general meeting and being eligible offer themselves for re-election for a period of two years.* (fol 171)

Id-*directors` report* tal-2001 jaqra:

> *The Directors who served during this year were:*
>
> *Noel V Rizzo*
> *Philip E Rizzo*
> *Stephen A Rizzo*
> *Anthony Sammut Alessi*

*In accordance with the company`s articles of association the directors retire at the forthcoming annual general meeting and being eligible offer themselves for re-election for a period of two years.* (fol 152)

Id-*directors` report* tal-2002 jaqra:

*The Directors who served during this year were:*

*Noel V Rizzo*
*Philip E Rizzo*
*Stephen A Rizzo*
*Anthony Sammut Alessi*

*In accordance with the company`s articles of association the directors are to remain in office.* (fol 130)

Rinfaccjata b`dawn id-*directors` reports,* Wintrade Limited irrilevat illi l-fatt li Noel Rizzo u Anthony Sammut Alessi ffirmaw ir-rapporti tad-diretturi tas-snin 2000 u 2001 ma jfissirx li dawk id-dokumenti kellhom l-effett li jappuntaw jew jirriappuntaw id-diretturi.

Il-Qorti sejra taghti piz ghal dawn id-*directors` reports.*

Ghalkemm ma jammontawx ghall-Form K, xorta wahda ghandhom piz probatorju fir-rigward ta` din il-kwistjoni.

Infatti fid-*directors` report*, huwa rekwizit illi jigu mnizzla "*the names of the persons who at any time during the accounting period were directors of the company.*" (ara - **Principles of Maltese Company Law** – op. cit. – pag 509).

Meta tqis il-provi fl-assjem taghhom, il-Qorti konvinta li saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament gew iffirmati mill-azzjonisti ta` Aparthotels Limited rizoluzzjonijiet bil-miktub li jahtru d-diretturi ghas-snin 1999, 2000, 2001 u 2002.

Il-Qorti mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni dwar id-*dicitura* utilizzata fir-rizoluzzjoni tad-29 ta` Novembru 2002, peress li tinsab konvinta li kien ffirmati r-rizoluzzjonijiet mill-azzjonisti sa mis-sena 1999.

Il-Qorti tkompli tishaq illi kieku kellha tqis l-effetti tar-rizoluzzjoni tad-29 ta` Novembru 2002 tghid illi biha ntwera bic-car li l-azzjonisiti kellhom intenzjoni cara li Noel Rizzo, Philip Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Stephen Rizzo kellhom ikunu d-diretturi ta` Aparthotels Limited. U li dik ir-rizoluzzjoni *semmai* kienet tirrattifika kull nuqqas li seta` kien hemm fil-hatra taghhom ghas-snin precedenti.

Fuq nota finali dwar din il-kwistjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-kwistjoni dibattuta hafna dwar jekk tlett laqghat li saru fl-2010 kinux jammontaw ghal laqghat tal-bord tad-diretturi.

Uhud mill-konvenuti sostnew illi dawk kienu laqghat tal-bord tad-diretturi.

Min-naha taghha Wintrade Limited sostniet illi dawk kienu laqghat informali li kienu saru bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet dwar il-pendenzi kollha li kellhom.

Saret insistenza kbira li l-konvenuti kienu baqghu jqisu ruhhom bhala diretturi anke fil-korrispondenza skambjata wara l-2002 u li ghalhekk dan jikkonferma li dawn kienu ghadhom effettivament diretturi ta` Aparthotels Limited.

Waqt il-laqghat tal-2010, irrizulta li kienet diskussa l-kwistjoni ta` l-hatra ta` diretturi godda u sa anke kienet giet abbozzata rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti u l-Form K sabiex jigu riappuntati bhala diretturi ta` Aparthotels Limited : Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Philip Rizzo u jigi appuntat Michael Rizzo bhala direttur (fol 699 u 700).

Ghal din il-Qorti, il-kwistjoni ta` jekk il-laqghat li saru fl-2010 jammontawx ghal laqghat tal-bord tad-diretturi jew ghal semplici laqghat bonarji bejn il-kontendenti hija irrelevanti.

In-natura ta` l-laqghat tista` forsi tixhet dawl fuq il-kwistjoni dwar jekk il-persuni involuti setghux jigu kkunsidrati bhala diretturi *de facto* tal-kumpannija Aparthotels Limited.

Madanakollu huwa car li ma saret l-ebda kontestazzjoni mill-ebda wiehed mill-partijiet fis-sens li wara l-2002, ma gewx iffirmati rizoluzzjonijiet ohra mill-azzjonisti ta` Aparthotels Limited kif ukoll lanqas saru laqghat generali annwali tal-azzjonisti ta` Aparthotels Limited.

Id-dizgwid bejn il-partijiet kienx dwar jekk sarux rizoluzzjonijiet ta` l-azzjonisti ghal hatra ta` diretturi bejn is-snin 2000 u 2002 u mhux jekk sarux aktar rizoluzzjonijiet wara l-2002.

Il-konsegwenza hija illi jekk sarux laqghat tal-bord tad-diretturi jew xi laqghat ohra fl-2010 ma jbiddel xejn mill-fatt li wara li ghaddew sentejn mill-2002, ma gew iffirmati l-ebda rizoluzzjonijiet mill-azzjonisti ghal riappuntar ta` diretturi u lanqas ma nzammu laqghat generali annwali.

Ghalhekk in-natura ta` l-laqghat tal-2010 tista` tghin fl-investigazzjoni ta` jekk kienx hemm diretturi *de facto* fl-Aparthotels Limited.

Madanakollu l-akwza tal-lum tittratta dwar jekk kienx hemm diretturi *de jure*, u ghalhekk ikun inutli li toqghod taghmel ezami dwar kif kellhom jitqiesu u kkunsidrati il=-laqghat tal-2010.

Fil-pagna 389 ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** (op. cit.) Andrew Muscat jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tad-29 ta` April 1996 fil-kawza **<u>Direttur tas-Sigurta Socjali vs Paul Vella pro et noe.</u>**

Ighid hekk :-

> "*In <u>Direttur tas-Sigurta` Socjali vs Paul Vella pro et noe</u>, the duration of a director`s term of office had been expressly set out in the memorandum and articles of association. The Court of Appeal held that the director`s term of office effectively expired as stated in the memorandum and articles of association, even though no Form K had been filed.*

> *The Court of Appeal emphasized that the memorandum and articles of association was a public document and that anyone examining the document would have been aware that the director`s terms of office had expired."*

Ghalhekk mhux rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum jekk kenitx ipprezentata Form K.

Dak li huwa importanti huwa li z-zmien ta` sentejn iddekorra mill-ahhar rizoluzzjoni li saret u ma saret l-ebda laqgha generali annwali u rizoluzzjoni mill-azzjonisti ghal riappuntar jew appuntar ta` diretturi.

**Tenut kont ta` dan kollu, din il-Qorti tqis li kien ippruvat li bejn il-31 ta` Dicembru 1999 sad-29 ta` Novembru 2004 kien hemm diretturi *de jure* li gew appuntati fi hdan Aparthotels Limited.**

**Mhux l-istess jista` jinghad ghall-perijodu mid-29 ta` Novembru 2004 sad-data ta` llum, fejn ma jirrizultax li kien hemm diretturi *de jure* appuntati ghal Aparthotels Limited.**

**V. *<u>Extra petita ?</u>***

Tqum il-kwistjoni ta` jekk il-Qorti ghandhiex is-setgha tilqa` t-talba attrici parzjalment.

Skont Wintrade Limited, fil-kuntest tat-talba taghha li timmira ghall-accertament gudizzjarju ta` stat ta` fatt matul perijodu partikolari ta` zmien, il-Qorti tista` tilqa` t-talba attrici ghall-perijodu ta` zmien jekk jirrizultalha l-istat ta` fatt allegat waqt dak iz-zmien u tichadha fil-perijodu taz-zmien li fih dak l-istat ta` fatt ma rrizultalhiex. Is-socjeta` attrici tinsisti li l-Qorti tista` tilqa` talba parzjalment purche` ma tohrogx barra mill-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet.

Min-naha taghhom, Cnus Limited u Philip Rizzo ghamlu insistenza shiha fuq il-fatt li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija li

> *Tiddeciedi u tiddikjara li l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited qatt ma appuntaw diretturi jew rijappuntaw diretturi tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited kif iridu l-memorandum u l-istatu ta` assocjazzjoni ta` l-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited wara li t-terminu originali ta sentejn tal-kariga ta` direttur kif kontemplat fil-memorandum u fl-istatut ta` l-assocjazzjoni taghha kien iddekkorra u skada.*

Cnus Limited u Philip Rizzo jinsistu li t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi michuda jekk jigi ppruvat li tal-inqas ghal darba wara l-perijodu originali ta` sentejn u cioe` wara l-31 ta` Dicembru 1999 gew appuntati jew riappuntati diretturi ta` Aparthotels Limited.

Komplew isostnu li l-attrici ma tistax tipprova twessa` t-talbiet taghha skont il-htigijiet taghha.

Il-Qorti tqis li kawzali kif espressa fir-rikors promotur tal-azzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-Qorti ghandha taghti decizjoni dwar it-talbiet kif dedotti.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-10 ta` Ottubru 2005 fil-kawza **Grobett Holdings Limited vs Steve Abela** inghad hekk :-

> "*Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta` sentenza l-Imhallef Civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Kollez. Vol XLIX.i. 406). Fuq kollox, huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba kkunsidrata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez. Vol XLVIII.ii. 777).*

Fis-sentenza li tat fit-8 ta` Mejju 2013 fil-kawza **Leonard Cassar vs L-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** kienet trattata l-materja fil-kuntest ta` procedura ta` ritrattazzjoni :-

> *"Dan l-artikolu jghid hekk: 811(f) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba.*
>
> *Kif qalet il-Qorti ta` Appell, tat-12 ta` Lulju, 1965 fl-ismijiet **Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**:*
>
> *`F`okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f`kawzi joqghod rigorozament fl-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu millkwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li lpartijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.`*
>
> *Fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable plc vs Awtorita` ta` Malta Dwar il-Komunikazzjoni**, Appell Civili (Inferjuri), 13 ta` Frar, 2009, il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-decizjoni hawn fuq imsemmija qalet illi:*
>
> *`Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f`vizzju ta` ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta` l-eccezzjonijiet imressqa millpartijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett talgudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b`xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta` l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta` dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta` taqa` fl-attribuzzjonijiet tieghu.*
>
> *Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-Mattirolo illi `non pecca di ultra petita la sentenza la quale*

*accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa`. (`**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri**`, Appell Civili, 25 ta` Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa` fl-argini ta` dak lilu domandat jew eccepit`.*

Sentenza li kkunsidrat id-distinzjoni bejn *extra petita* u *ultra petita* kienet dik moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fl-14 ta` Mejju 2007 fil-kawza : **Jude Thaddeus sive Teddy Rapa noe vs Francesco sive Frank Rapa noe** fejn inghad hekk :-

*Illi dwar il-kawżali li bis-sentenza ngħata aktar milli ntalab (Art. 811(g) tal-Kap 12), il-kumpannija appellata rikorrenti tfisser l-ilment tagħha billi s-sentenza ngħatat "fuq materja oltre ossija in eccess għal dak mitlub jew aħjar li seta` jintalab"....Illi meta titqies il-kawżali tal-ultra petita huwa meħtieg li wieħed jara x`ikun intalab. Il-kriterju hu li t-talba f`kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta` dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista` jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox `il barra minn dak li ntalab (extra petita) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (ultra petita). Fil-każ tal-lum, il-kumpannija appellata rikorrenti qegħda tilminta minn din tal-aħħar. Ikun hemm każ ta` eccess bħal dan fejn il-gudikant "jibbaża r-raguni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta`azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom". Dan il-każ ma jgħoddx fih ic-cirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħrog ex necessaria consequentia minn talba oħra li tkun magħmula.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal pagna 143 tal-ktieb **Mezzi Straordinarji ta` Impunjazzjoni tas-Sentenzi** fejn Av. Dr. Grazio Mercieca (illum

Magistrat) spjega it-tifsira ta` l-*ultra petita* u l-*extra petita* fil-kuntest ta` proceduri ta` ritrattazzjoni :

> *"Is-sitt motiv ta` ritrattazzjoni huwa jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhux imdahhla fit-talba (extra petita) (vide Kap 811 (f) Kap 12;* ***John Aquilina vs Giovanni Coleiro noe*** *– Appell- 27.06.1949 – XXXIII.i.748) filwaqt li s-seba` motiv huwa jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab (ultra petita). Dawn iz-zewg motivi tajjeb li jitqiesu flimkien.*
>
> *Huwa assjomatiku li l-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi. Is-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda. Dina r-regola ilha osservata fil-Qrati Taghna in bazi ghall-ligijiet Rumani. Id-Domanda ghandha titqies in relazzjoni ghall-fatti kif kienu meta giet proposta l-istess domanda; ghaliex kien appuntu dak l-istat ta` fatt li, meta ntavola l-kawza, ha in konsiderazzjoni, tajjeb jew hazin l-attur. (****Gioseppe Debono vs Chevalier Antonio Cassar Torregiani et*** *- Appell- 05.12.1952).*
>
> *Extra petita hija sentenza li tiddeciedi fuq kawzali diversa minn dik jew dawk imqanqla. (****John Aquilina vs Giovanni Coleiro noe -*** *Appell – 27.06.1949 – XXXIII.i 748)*
>
> *Meta l-imhallef jippronunzja kundanna mhux mitluba minn xi wahda mill-partijiet, huwa jissorpassa l-limiti ta` l-attribuzzjonijiet tieghu, ghax il-gudikant ma jezercitax il-gurisdizzjoni tieghu, meta ma tkunx gieet imqanqla mill-partijiet: u ghalhekk ikun qieghed jeccedi l-poteri tieghu, (Ricci Vol II para 612) u s-sentenza tkun ivvizjata bid-difett ta` ultrapetizione.*
>
> *It-traskuragni li biha l-gudikant jifli l-kapi tad-domanda, u l-esuberanza li biha jiddelibera dwar il-materja jew il-kwantita` li kienet in kontroeversja, jirrendu, skond dawn iz-zewg motivi, il-gudizzju null fit-totalita` tieghu. Fil-fatt dawn il-motivi mhux suppost jaghtu lok ghan-nullita` u konsewgwenzali revizjoni ex integro tas-sentenza*

*kollha kemm hi, imma biss ta` dik il-parit li tkun ineccess tad-domandi. Ghalhekk, Mortara, jikkritika dawn il-motivi bhala eccessivi. (Mattirolo, para 358).*

*L-indagni biex jigi stabbilit jekk kienx emm eccess fil-pronunzja in relazzjoni ghad-domandi, tippresupponi xi drabi gudizzju ta` interpretazzjoni ta` l-istess domandi, jew tal-kumpless tal-atti processwali. Anzi huwa versomili li normalment jigi precizament hekk, cjoe biex isir maghruf jekk il-magistrat interpretax tajjeb l-atti u d-domandi tal-partijiet.*

*6-6 u 6-7-1 xi tkun "domanda"*

*Sotto la denominazione di domanda s` intende, secondo la legge, come risulta dall` art 143 e 173, delle dette leggi, l` azione dedotta nel libello, o nella citazione, e non gia` l` istanza che si fa in grado di appello per la revoca, riforma o conferma della sentenza. L-istess irrieniet il-Corte di Appello di Sua Maesta` Aula Civile 18 Novembre 1863 Vol II 702. (**Anna Vedoca Dingli vs Gaetano Alessandro Farrugia –** QAC – 07.05.1859, Vol I. 232).*

*6-6 u 6-7-2 il-kompitu tal-Qorti meta jitqanqal dan il-motiv*

*Meta jigi dedott il-vizzju tal-extra jew l-ultra petita, il-Qorti trid tezamina l-atti tal-kawza, it-titoli migjuba in sostenn tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet, il-konkluzzjonijiet ifformolati mill-partijiet u tikkonfrontahom mad-dizpozittiv tas-sentenza biex tara jekk jissussistix jew le il-vizzju lamentat. (Cass Firenze 23.12.1869)*

L-awtur kompla billi ta ezempji ta` x`jammonta ghal *ultra petita* u *extra petita:*

*"Hija vvizzjata bl-ultra petita s-sentenza li tassolvi definittivament mid-domanda avversarja dak li jkun talab l-assolutorja mill-osservanza tal-*

*gudizzju (Cass Torino 18.12.1873). L-istess jinghad jekk l-imhallef jibbaza r-raguni tad-decizjoni fuq titolu, kawzali jew fatt guridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta` azzjoni jew eccezzjoni, jigi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konkluzjonijiet taghhom. (Cass Roma 13.09.1878, Cass Torino 15.12.1881).* (pagna 145)

Kompla billi ndika ezempji wkoll ta` fejn ma jkunx hemm *ultra petita* jew *extra petita:*

*"Ma hemmx ultra jew extra petita meta:*

- *qorti tilqa` istanza li, ghalkemm mhux espressament ifformolata, tohrog pero` ex necessaria consequential, minn ohra, proposta minn wahda mill-partijiet, u kontenuta implicitament fiha; (Cass Firenze, 15.11.1877);*
  *La Corte di appello, avendo innanzi a se un appello generale, e` in pieno diritto di pronunziarsi su un punto implicito nella decisione appellate, senza aver con cio` sentenziato su cosa non domandata. (**<u>Giovanna Saguna pro et noe vs Giuseppe Vella –</u>** QA – 05.02.1934 – Onor A. Mercieca, E. Ganado, L.A. Camilleri – XXVIII.i.818)*
  *Il-kawzali tad-domanda hija dik li hemm espresso fic-citazzjoni u ma tistax tigi mibdula u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni. Il-Qrati taghna pero` in bazi ghal kriterju tal-**ekwipollenza** addottaw is-sistema liberali tal-validita` tac-citazzjoni meta l-kawzali mhux espressa sewa fic-citazzjoni imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjoni u fil-kaz ta` kawzali mfissra aktarx lakonikament. (**<u>Joseph Difesa et noe vs Avukat Dottor Joseph Cassar et not –</u>**Prim` Awla – Imhallef E Magri – 21.01.1964, **<u>Giovanna Calleja vs Avukat Dottor Jose Herrera et –</u>** Prim` Awla – Imhallef J Said Pullicino – 05.10.1992; **<u>Josephine Sammut et vs Lorenzo Agius et –</u>** Prim` Awla – Imhallef Jeoffrey Valenzia – 28.11.1996). Il-principju tal-ekwipollenza forsi gie mgebbed iz-zejjed f`kaz fejn id-dokumenti li ghalihom ghamlet referenza l-Qorti kienu prodotti*

*mill-konvenut u mhux mill-attur u l-Qorti qaghdet xorta wahda fuqhom. (**Caruana Montalto et vs Francica -** Appell – 05.12.1952).*

- *sentenza tirrizolvi kwistjoni li ma tkunx giet imressqa mill-partijiet, ima li r-rizoluzzjoni taghha tkun indispensabbli biex tasal ghal soluzzjoni gusta fuq il-konkluzzjonijiet tal-istess partijiet (Cass Torino 14.02.1880)*

- *qorti tilqa` l-konkluzzjonijiet ta` wahda mill-partijiet u zzid, in sostenn tal-istess, motivi ta` dritt li ma jkunux gew imqanqla minn dik il-parti, jew motivi ta` fatt li ghalkemm mhux imqanqla mill-parti, jemergu mill-atti tal-kawza ( Cass Torino 03.03.1876 u 29.12.1876; Cass Roma 10.03.1876): Non pecca di ultra petita la sentenza la quale accofliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima; o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa. (**Marchese Riccardo Cassar Desain noe vs Giovanni Spiteri** – QA – 25.11.1927- Sir A Mercieca, G Agius, L Camilleri – XXVI.i. 903).*

- *Fil-kaz tal-Qrati Inferjuri, meta jezercitaw il-fakulta` lilhom moghtija permezz tal-Art 213 ta` Kap 12, billi, ghalkemm ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, jiddeciedu fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni. Il-Qrati Inferjuri pero` xorta wahda huma mpeduti milli jaghtu ammont ikbar minn dak mitlub bit-talba originali. Ghalhekk dawn il-Qrati jistghu imorru extra petita, izda mhux ultra petita.*
  *Il-motiv tal-extra jew l-ultra petita gie wkoll michud f`**Rita mart Anthony Hicklin u l-istess Anthony Hicklin bhala kap tal-komunjoni ta` l-akkwisti** –QA – 14.11.1997 – Onor J Said Pullicino, Carmel Agius, Noel Arrigo – LXXXI.ii.862 u f` **Oscar Caruana Montalto et vs Anthony Francica -** 23.06.1987 – Onor Hugh Harding – LXXI.11b – Appell Inferjuri)*

> *Kaz interessanti l-iehor fejn dan il-motiv gie michud huwa* ***Albert Mizzi noe vs Alfred Cassar*** *(08.06.2001 – Imhallef Franco Depasquale). Il-Qorti tal-Appell, fil-kawza impunjanda, filwaqt li kienet ikkonfermat fl-intier taghha dak li gie deciz mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Frar 1998, varjat il-kap tal-ispejjez incidentali jew xi talba fir-rigward tal-kap tal-ispejjez quddiem il-Qorti tal-Appell u lanqas ma kien hemm talba f`dan is-sens mill-parti l-ohra. Il-Qorti pero` rrizultalha li fil-fatt li dana kien jikkomprendi fih ukoll (ara l-paragrafu konkluziv tieghu) talba fis-sens li l-ispejjez taz-zewg istanzi kellha tbatihom il-kontroparti. Dan ifisser mela li l-appellant kien qieghed fil-fatt jitlob ukoll riforma jew varjazzjoni fil-kap tal-ispejjez. Apparti minn hekk, li la darba jsir appell il-Qorti ghandha kull dritt jew fakulta` li tinvesti u tiddeciedi l-kwistjoni hija mill-gdid u minghajr ma` tkun marbuta b`dak li jkun gja` deciz u dana meta t-talba tkun qeghda tkopri anke l-kap ta` l-ispejjez. Certament ghalhekk dan m` huwiex kaz ta` ultra petita u l-aggravju dwaru ma jirrizultax.*

Il-Qorti rriskontrat diversi ezempji fejn kienu trattati n-nozzjonijiet ta` *ultra petita* u ta` *extra petita* fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana.

Fis-sentenza li tat fis-6 ta` Ottubru 2010 fil-kawza **Martin Delia vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet :

> *"Meta l-Arbitru ma zammx ruhu fl-argini tad-dedott u tal-mitlub jigi li skondina ruhu mil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod li okkupa ruhu – dak relattiv ghall-indirizz residenzjali – li d-Direttur ma ssollevax, fid-decizjoni originarja tieghu, u li minnha tressaq mill-appellanti l-gravam lill-Arbitru."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Dicembru 2002 fil-kawza **Stephen Sciberras v Francesco Depasquale** inghad hekk :-

*"Jinghad mill-ewwel illi l-perit legali zbaljat meta ssumiet li dan iz-zwieg kien affett mis-simulazzjoni. Meta ghamlet dan hi ezorbitat mil-parametri tac-citazzjoni. Dan qed jigi rilevat in kwantu strettament il-ligi tikkontempla s-simulazzjoni that is-subinciz (f) u dan ma giex dedott mill-attur bhala bazi tat-talba tieghu. Il-qorti hi ghalhekk prekluza milli tinoltra ruhha f`materja li parti ma tkunx issollevat jew issottomettiet ghad-decizjoni taghha. Fl-ghoti tad-decizjoni l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u in partikolari ta` dak mitlub mill-attur."*

Fid-decizjoni li tat il-Qort tal-Appell Inferjuri fl-20 ta` April 2006 fil-kawza **Mark Gauci vs Joseph Camilleri** inghad :-

*"Aspett iehor ventilat mill-appellanti hi l-akkuza tieghu di fronte ghat-Tribunal ta` ultra jew extra petizzjoni. Dan jirrikorri fejn gudikant jippronunzja ruhu `l hinn mil-limit tal-pretensjoni jew tal-eccezzjoni fuq kwistjonijet estraneji ghall-oggett tal-gudizzju. L-appellant jaghmel dan jikkonsisti fil-fatt li t-Tribunal inoltra ruhu fl-indagini tal-glieda bejn il-kontendenti. Ma` dan din il-Qorti ma taqbilx. Dan ghaliex l-incident involute f`dik il-glieda kien fatt importanti li kellu jitqies bhala kawza efficjenti u produttiv ta` effett guridiku determinat tal-gudizzju u fil-kumpless tal-kwadru shih tal-provi u ta` dawk l-elementi varji, processwalment akkwiziti, ghad-determinazzjoi tal-htija. Kif taraha din il-Qorti, anke l-prova dwar il-glieda kienet objettivament taqa` fil-limiti tar-ricerka u tal-accertament tar-responsabbilita`."*

Fid-decizjoni li tat fil-21 ta` Gunju 2006 fil-kawza **Villa Fremaux Limited vs Carmelo Schembri** l-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet :-

*"Huma jissottomettu illi minn kif formulati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti minn imkien ma jirrizulta illi dawn ivvantaw titolu ta` lokazzjoni u ghalhekk is-sentenza hi ultra petita jew extra petita meta ddecidiet li l-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-raba` bi qbiela;*

*Ghandu jinghad illi ghall-fini tal-valutazzjoni tal-allegat vizzju ta` ultrapetizzjoni wiehed m` ghandux jezamina unikament il-kontenut tal-att promotur jew tal-ecezzjonijeit ghalih imma wkoll il-precizazzjonijiet formulate fil-kors tal-procediment u l-mezzi istruttorji offerti mill-partijiet. F`da nil-kaz l-appellanti jikkritikaw lill-ewwel Qorti ghaliex din issoffermat biss fuq it-talba taghhom u cahditha ghar-raguni li rrizultalha li kienet tezisti lokazzjoni. Anke kieku dan hu hekk il-kaz, u jkun stabbilit illi l-Qorti baqghet fl-ambitu tal-causa petendi u tal-petitum, b`daqshekk ma hemmx vjolazzjoni tad-divejt ta` extrapetizzjoni meta l-gudikant jissorreggi d-decizjoni tieghu minn dak li rrizultalu mill-provi jew b`argomentazzjonijiet diversi minn dawk addottati mill-kontendenti."*

Decizjoni ohra kienet dik tal-Qorti ta` l-Appell Inferjuri tad-19 ta` Frar 2010 fil-kawza **Nathalie Ellul vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** fejn inghad:

*"F`dawn ic-cirkostanzi, ukoll jekk ma ssemmietx, l-Arbitru lanqas ma tista` tigi censurata b`xi ultra petizzjoni in kwantu hija okkupat ruhha minn materja li kienet taqa` fil-limiti tas-sottomissjonijiet u tal-precizazzjonijiet ifformulati mill-partijiet fil-kors tal-procediment, u konsegwentement, id-decizjoni taghha ma tistax tinghad li ma kellhiex rabta mal-kontenut sostanzjali tal-impunjattiva quddiemha mill-appellata prezenti u dik tal-oppozizzjoni mid-Direttur ghaliha. Jikkonsegwi minn dan illi t-tieni aggravju qed jigi skartat ghaliex guridikament inattendibbli."*

Il-Qorti terga` tirreferi ghad-decizjoni **Grobett Holdings Limited vs Steve Abela** (op. cit.) :

*"Indipendentement minn dan, din il-Qorti lanqas ma tara li t-Tribunal htieglu jirrikorri ghal dak l-espedjent u ma tara assolutament xejn li jista` jitqies extra petita fid-decizjoni moghtija. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet* ***Peter Mifsud vs Joseph Camilleri ,*** *Appell, 26.10.2001 li wkoll*

*ikkonsidrat sitwazzjoni konsimili. In kwantu n-negozju bejn il-kontraenti kien wiehed manifestament kummercjali, ankorke` kellu jinghad li klawsola 3 tal-iskrittura kienet tirreferi ghall-interessi fuq il-konsenja tal-prodotti in stock, u mhux ukoll ghall-konsenja tal-prodotti fil-container, kif ben saput bhala tali dan kien jattira ex lege l-hlas tal-imghax appena sar ezigibbli fil-mument tal-kompravendita u konsenja tal-prodotti (Artikolu 1141(1) Kodici Civili)".*

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni.

Il-Qorti tghid hekk :-

Huwa minnu li s-socjeta` rikorrenti bbazat il-premessi taghha u t-talba taghha fuq il-pretensjoni illi l-azzjonisti ta` Aparthotels Limited qatt ma appuntaw diretturi godda jew riappuntaw l-ewwel diretturi wara li ghaddew is-sentejn mill-31 ta` Dicembru 1997 sal-31 ta` Dicembru 1999.

Huwa minnu wkoll illi t-talba attrici saret specifikament sabiex jigi dikjarat li qatt ma gew appuntati jew riappuntati diretturi wara t-terminu originali ta` sentejn li ddekorra fil-31 ta` Dicembru 1999.

Il-Qorti qieset li t-talba kif impostata hija specifika sabiex ikun hemm dikjarazzjoni li qatt ma gew appuntati diretturi jew riappuntati diretturi wara li skada t-terminu originali ta` sentejn tal-kariga taghhom.

Izda l-Qorti tqis ukoll li kien hemm diversi istanzi fejn kienet mitluba tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur somma specifika, izda mbaghad ladarba ssib li s-somma kienet wahda inferjuri u anqas minn dik mitluba, hija tiddeciedi li tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma hekk inferjuri u mhux dik mitluba. B`daqshekk, il-Qorti ma tkunx marret barra mit-talba (ara t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm).

Issa fil-kawza tal-lum, qed jintalab li jigi dikjarat li ma kienx hemm diretturi appuntati jew rijappuntati minn perijodu li beda wara li skadew is-

sentejn tal-kariga originali taghhom fil-31 ta` Dicembru 1999 sal-prezenti data.

Dak li sejra taghmel il-Qorti ma jmurx lil hinn minn dak li qed jigi mitlub.

Infatti stabbiliet li ma gewx appuntati jew rijappuntati diretturi *de jure* fl-Aparthotels Limited mhux mill-31 ta` Dicembru 1999 izda mid-29 ta` Novembru 2004 sal-prezenti data.

Dak li qed tiddikjara jaqa` fl-ambitu tat-talba tas-socjeta` rikorrenti peress li qed isir huwa li qed jigi biss mnaqqas it-terminu li fih ma gewx appuntati diretturi godda jew rijappuntati diretturi precedenti.

**Ghalhekk sejra tilqa` t-talba attrici limitatament.**

## VI. Interess guridiku

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, Cnus Limited u Philip Rizzo sostnew li skont l-Art 142 tal-Kap 386, kull irregolarita` dwar il-hatra ta` direttur jew ta` ufficjali iehor li titqajjem wara li tkun saret il-pubblikazzjoni tal-hatra tieghu ma tistax tingieb mill-kumpannija kontra terzi kemm-il darba l-kumpannija ma tippruvax li dawk it-terzi kienu jafu bl-irregolarita` fiz-zmien rilevanti. Terzi li ma kinux jafu bl-irregolaritajiet fiz-zmien rilevanti jistghu jgibu dik l-irregolarita` kontra l-kumpannija.

Cnus Limited u Philip Rizzo jgibu l-argument li t-terz jista` jistrieh fuq l-irregolarita fil-hatra biss jekk ma kienx jaf b`dik l-irregolarita`.

Skont l-istess konvenuti, Wintrade Limited kienet konsapevoli illi hi stess tramite Noel Rizzo u Stephen Rizzo kienet tiffirma minn sena ghal sena sal-2002 rizoluzzjonijiet sabiex jigu appuntati diretturi fuq Aparthotels Limited. Ix-xjenza tad-diretturi ta` Wintrade Limited ghandha tigi attribwita lil Wintrade Limited peress li din bhala persuna guridika kienet tiddependi fuq id-diretturi taghha sabiex titmexxa. Wintrade ghalhekk jonqosha l-interess guridiku li tippromwovi din l-azzjoni.

Per konsegwenza, gie argumentat li gialadarba, in-nuqqas ta` interess guridiku jista` jigi mqajjem ukoll *ex ufficio* minn din il-Qorti, l-intimati talbu li jigi dikjarat li s-socjeta` rikorrenti ma ghandhiex l-interess guridiku necessarju biex tippromwovi din il-kawza.

Ghalkemm huwa minnu li kwistjoni ta` interess guridiku tista` tigi sollevata *ex ufficio,* il-Qorti tqis li l-partijiet ghandhom entrambi jinghataw l-opportunita` li jressqu provi dwar kwistjoni ta` nuqqas ta` interess guridiku.

Ghalhekk kien ikun ferm aktar regolari illi kieku Cnus Limited u Philip Rizzo qajjmu l-kwistjoni ta` l-interess guridiku *per via di eccezione.*

Dan premess u ccarat *senza mezzi termini* l-Qorti lanqas ma sejra taghti ragun lill-konvenuti.

Kien stabbilit li wara d-29 ta` Novembru 2002, ma baqghux jigu ffirmati l-ebda rizoluzzjonijiet u dokumenti ohra relatati ma` Aparthotels Limited. *Per tanto,* ma jistax ghalhekk jiggebbed l-argument li s-socjeta` rikorrenti kienet taf tramite Noel V Rizzo u Stephen Rizzo li kien hemm appuntati diretturi anke wara li ma baqghux jigu ffirmati rizoluzzjonijiet u dokumenti wara l-2002. L-argument seta` forsi jregi ghall-perijodu precedenti ghad-29 ta` Novembru 2004. Madanakollu, wara li ghadda dan it-terminu, is-socjeta` rikorrenti kellha gustament l-interess guridiku mehtieg biex tippromwovi azzjoni bhal din in vista li ma kienx hemm diretturi appuntati jew riappuntati wara li skadew is-sentejn mir-rizoluzzjoni tad-29 ta` Novembru 2002.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba attrici u dwar l-eccezzjonijiet ghat-talba attrici, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tiddikjara li l-membri tal-kumpannija konvenuta Aparthotels Limited baqghu ma appuntawx diretturi jew baqghu ma rrijappuntawx diretturi ta` l-istess kumpannija, kif iridu l-*memorandum* u l-*articles of association* ta` l-istess kumpannija, wara**

**li fid-29 ta` Novembru 2004 ghadda z-zmien ta` sentejn mill-hatra ta` diretturi hekk kif stipulat fil-*memorandum* u *articles of association* tal-istess kumpannija.**

**Tordna illi l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-provvediment li tat fil-21 ta` Gunju 2012, ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-kumpannija attrici, u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-kumpannija konvenuta Aparthotels Limited.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**